ĠEMMA
know, plan, act.

# Strateġija għall-Kapaċità Finanzjarja 2022-2025

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ
U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA
U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

# Daħla



**Michael Falzon**
*Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali,*
*il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal*

F'Jannar 2017, il-Gvern nieda l-ewwel strateġija nazzjonali fuq il-kapaċità finanzjarja. Onorat li llum ser inkun qed nippreżenta t-tieni strateġija nazzjonali – li tkopri l-perjodu 2022-2025.

Il-perjodu tat-tnedija tal-istrateġija inizzjali jista' jitqabbel maċ-ċiklu tal-ħajja ta' negozju fil-bidu tiegħu: il-bini ta' programm ta' attivitajiet kontinwi, il-kisba tal-kredibilità, l-istabbilizzazzjoni ta' msieħba strateġiċi fin-negozju, u l-kisba tar-riżultati. Dan kollu filwaqt li n-negozju jissaħħaħ u jissoda l-kapaċità mill-għeruq tiegħu, fi żmien meta l-aġenzija li timplimenta dan kollu, ĠEMMA, kienet għadha fil-bidu tagħha. Apparti dan kollu xorta waħda nħoss li dan kien ta' suċċess.

Illum il-ġurnata ĠEMMA hija rikonoxxuta bħala pjattaforma finanzjarja kredibbli – bil-GWU, il-UĦM, il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-BOV, l-MSV Life, l-HSBC Malta Foundation, l-Università ta' Malta, il-Kamra tal-Kummerċ Maltija għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, Mental Health Malta, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, APS Bank u Aġenzija Żgħażagħ, ilkoll imsieħba strateġiċi tagħha.

Kif jidher f'dan id-dokument ta' strateġija, ĠEMMA, flimkien mal-imsieħba strateġiċi tagħha, ikkommettiet ruħha għal programm sinifikanti ta' xogħlijiet b'rabta mal-mandat tagħha: dak ta' imsieħeb indipendenti u ta' fiduċja fir-rigward tal-kapaċità finanzjarja. Kienet involuta wkoll fl-iżvilupp ta' mezzi u riżorsi edukattivi dwar il-kapaċità finanzjarja. Għandha mas-17,000 persuna li jsegwuha fuq Facebook, flimkien mal-1,000 membru sottoskritt tas-sit tagħha. Stħarriġ tal-2021 wera li 30% ta' dawk li rrispondew kienu semgħu b'ĠEMMA (żieda ta' 10% fuq it-12-il xahar preċedenti) u li 21% kellhom xi forma ta' interazzjoni mal-pjattaforma (żieda ta' 12% fuq it-12-il xahar preċedenti).

Din it-tieni strateġija ser tibni fuq l-istrateġija inizzjali u l-għan ewlieni tagħha huwa li tassigura, sa tmiem it-terminu tagħha, pjattaforma konsolidata li tkun tiflaħ għall-edukazzjoni nazzjonali dwar il-kapaċità finanzjarja, u flimkien mal-imsieħba strateġiċi tagħha, tkompli tikber b'mod sostenibbli.

# Daħla



**Mark Musù**

*Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali,*
*il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal*

*Chairperson, il-Grupp ta' Strateġija dwar il-Pensjoni*

Sa mit-tnedija tar-riforma fil-pensjonijiet fl-2004, il-gruppi varji responsabbli mir-riforma saħqu li r-riforma għandha tinkludi mhux biss il-bidliet parametriċi fis-sistema iżda wkoll il-bidla fl-imġiba tal-individwi. Il-bidla fl-individwi tintrabat bi sħiħ mal-għarfien dwar il-kapaċità finanzjarja u l-edukazzjoni. Wieħed jista' jassigura li l-kwalità tal-ħajja mixtieqa fl-irtirar tinkiseb jekk il-persuna tkun konxja tal-potenzjal tagħha bid-dħul tal-pensjoni u b'hekk tassigura li, matul ħajjitha, il-persuna tieħu deċiżjonijiet finanzjarji meħtieġa li jippermettulha tilħaq l-għanijiet tagħha għall-irtirar.

Kien biss wara l-2015, wara għadd ta' rakkomandazzjonijiet ippreżentati mill-Grupp ta' Strateġija dwar il-Pensjoni li jien kont immexxi, li l-Gvern approva d-disinn għall-istrateġija nazzjonali dwar il-kapaċità finanzjarja. Twaqqaf grupp ta' ħidma inter-ministerjali taħt il-kappa tal-Grupp sabiex jabbozza t-tali strateġija, u wara konsultazzjoni pubblika ġiet mnedija fl-2017.

L-istrateġija stabbilixxiet programm inklussiv ibbażat fuq żewġ fergħat, l-għarfien u l-informazzjoni, u l-edukazzjoni, imsaħħa b'seba' kategoriji ta' kompetenza fil-kapaċità finanzjarja – l-ibbaġittjar, l-immaniġġjar tad-dejn, l-immaniġġjar tat-tfaddil, ir-reżiljenza finanzjarja, l-ippjanar għall-futur, l-għarfien tax-xena tal-investiment, u d-drittijiet tal-individwu f'dan il-qasam. Il-viżjoni hija li ċittadini Maltin ikunu mħeġġa jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet finanzjarji skont iċ-ċirkostanzi personali tagħhom.

Sa mit-tnedija tal-istrateġija fl-2017 sar ħafna sabiex l-istrateġija tilħaq l-għanijiet li ġiet imwaqqfa għalihom. Tgħallimna ħafna lezzjonijiet ukoll. Din l-istrateġija l-ġdida tfittex sabiex tibni fuq dawn il-kisbiet u l-lezzjonijiet li tgħallimna sabiex nassiguraw li tinbena pjattaforma edukattiva li hija sostenibbli dwar il-kapaċità finanzjarja filwaqt li tiġi istituzzjonata fi ħdan is-soċjetà Maltija bil-għan li tiġi assigurata soċjetà finanzjarjament kapaċi.



# Sommarju Eżekuttiv

F'Jannar tal-2017, il-Gvern ippubblika Strateġija għall-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja li kienet tkopri l-perijodu 2017-2019. L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal ġie assenjat ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tagħha. Il-programm ta' implimentazzjoni ġie bbrendjat "ĠEMMA". L-istrateġija ġiet estiża għall-2020. Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet identifikati fl-Istrateġija ġew implimentati u tnedew azzjonijiet ġodda bħall-proġett pilota dwar l-ikkowċjar ta' gruppi vulnerabbli fuq l-immaniġġjar tal-flus.

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija 2017-2019 stabbiliet aspettattivi pożittivi dwar kif l-attivitajiet u l-inizjattivi ta' ĠEMMA jistgħu jwasslu għal titjib fil-kapaċità finanzjarja. Riċerka indipendenti li saret f'isem ĠEMMA f'Marzu 2021 turi li 30% tal-persuni intervistati jafu b'ĠEMMA, b'21% jindikaw li involvew ruħhom magħha.[1] Dawn il-figuri jirrappreżentaw żieda notevoli fuq il-figuri fi studji preċedenti. Minn April 2020, l-għarfien ta' l-involviment ma' ĠEMMA żdiedu b'mod sinifikanti – dakinhar 20% kienu semgħu b'ĠEMMA u 9% biss kienu involvew ruħhom magħha.[2]

Ladarba kien irnexxielha tistabbilixxi kuntatt ma' numru konsiderevoli ta' nies u kienet ukoll fasslet programm sħiħ ta' attivitajiet, ĠEMMA bdiet proċess biex tidħol fi sħubijiet strateġiċi permezz ta' diversi memoranda ta' ftehim bl-iskop li jwessgħu l-kapaċità tagħha li tilħaq lill-pubbliku kif ukoll biex twettaq inizjattivi speċifiċi u mmirati. Eżempju wieħed ta' dan tal-aħħar huwa s-sħubija strateġika mal-Università ta' Malta fejn tnieda programm flimkien mad-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali (DIA) għall-istudenti tal-aħħar sena biex ifasslu logħba edukattiva dwar il-kapaċità finanzjarja. F'Lulju 2021, ĠEMMA nediet l-ewwel riżultat tal-ħidma tal-ewwel sena taħt din is-sħubija: il-logħba ta' edukazzjoni finanzjarja Money Monsters. B'kollox, sal-lum, ĠEMMA daħlet f'14-il sħubija strateġika.

L-Istrateġija għall-2022-2025 tiffoka primarjament fuq il-konsolidazzjoni tal-pjattaforma tal-kapaċità finanzjarja ta' ĠEMMA billi tibni kemm fuq it-tagħlim miksub kif ukoll fuq l-esperjenzi pożittivi.

1 Pulse Survey ta' ĠEMMA dwar l-Immaniġġjar tal-Flus fid-Djar – Reviżjoni Annwali, EMCS, ĠEMMA, Marzu 2021.
2 Pulse Survey ta' ĠEMMA dwar l-Immaniġġjar tal-Flus fid-Djar – Reviżjoni Annwali, EMCS, ĠEMMA, April 2020.

*It-Tabella ta' hawn taħt tippreżenta ħarsa ġenerali tal-Istrateġija għall-Kapaċità Finanzjarja 2022-2025.*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Viżjoni** | Intejbu l-kapaċità finanzjarja taċ-ċittadini Maltin matul l-avvenimenti tal-ħajja u l-irtirar u hekk jingħataw il-kapaċità li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji aktar infurmati u li jaqblu maċ-ċirkostanzi personali tagħhom. | | |
| **Messaġġi Ċentrali** | **Kun af** | **Ippjana** | **Aġixxi** |
| **Oqsma Ewlenin tal-Għarfien u l-Ħiliet** | Baġittjar | Tifdil | Maniġġjar tad-dejn |
| | Xibka ta' sigurtà | Ippjanar għall-futur | Għarfien tax-xenarju finanzjarju |
| | Protezzjoni mill-abbuż u l-isfruttament finanzjarju | Għarfien tad-drittijiet tal-konsumatur | Finanzjar Diġitali |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Toroq** | Riċerka u evalwazzjoni | Edukazzjoni | Outreach u komunikazzjonijiet | Sħubijiet strateġiċi |
| **Stadji tal-Ħajja** | Tfal | Żgħażagħ | Adulti | Irtirati |
| **Azzjonijiet Strateġiċi** | Nixprunaw bidla fl-imġiba | Trawwim ta' valuri fiż-żgħażagħ | Bini tal-kapaċità finanzjarja ta' persuni vulnerabbli | Tħejjija għall-irtirar |

*Dawn li ġejjin huma r-rakkomandazzjonijiet proposti fl-Istrateġija għall-perijodu 2022 - 2025.*

## RAKKOMANDAZZJONI 01

ĠEMMA se tapplika s-sett tal-għodod tal-litteriżmu finanzjarju tal-OECD / INFE bħala l-għodda ewlenija biex tkejjel kemm ikunu ntlaħqu l-objettivi tal-kapaċità finanzjarja u tal-litteriżmu.

## RAKKOMANDAZZJONI 02

Malta, bit-tmexxija tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, bl-appoġġ ta' partijiet interessati bħall-Ministeru għall-Edukazzjoni, il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal u partijiet interessati oħra, għandu jkollha rwol attiv fi ħdan il-Grupp ta' Esperti Governattivi dwar is-Servizz Finanzjarju għall-Konsumatur rigward l-iżvilupp tal-qafas konġunt għall-kompetenza finanzjarja UE/OECD-INFE.

## RAKKOMANDAZZJONI 03

L-Istrateġija għall-2022-2025 se tiffoka primarjament fuq il-konsolidament tal-pjattaforma tal-kapaċità finanzjarja ta' ĠEMMA u tibni kemm fuq it-tagħlimiet miksuba kif ukoll fuq l-esperjenzi pożittivi.




## RAKKOMANDAZZJONI 04

Il-viżjoni hija li titjieb il-kapaċità finanzjarja taċ-ċittadini Maltin fl-avvenimenti tal-ħajja tagħhom u l-irtirar u hekk jingħataw il-kapaċità li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji aktar infurmati li jkunu jaqblu maċ-ċirkostanzi personali tagħhom.

## RAKKOMANDAZZJONI 05

ĠEMMA se tkompli ssaħħaħ il-messaġġi ċentrali tagħha: Kun af, Ippjana u Aġixxi.

## RAKKOMANDAZZJONI 06

Il-kapaċità finanzjarja hija ħila ewlenija għall-ħajja kemm għall-ġenerazzjonijiet attwali kif ukoll dawk futuri. L-istrateġija tistabbilixxi toroq varji biex tiggwida liċ-ċittadini Maltin biex jiksbu l-kompetenzi meħtieġa għal kapaċità finanzjarja fl-oqsma tal-għarfien u l-ħiliet tal-kapaċità finanzjarja li ġejjin:

- Jimmaniġġjaw **baġit**
- Jimmaniġġjaw **it-tifdil**
- Jimmaniġġjaw **id-dejn**
- Jibnu **xibka ta' sigurtà**
- Jippjanaw **għall-futur**
- Jifhmu l-affarijiet bażiċi **f'xenarju finanzjarju**
- Jipproteġu lilhom infushom **mill-abbuż finanzjarju**
- Jifhmu x'inhu **l-iffinanzjar diġitali**
- Jifhmu liema huma **d-drittijiet bażiċi tal-konsumatur.**

## RAKKOMANDAZZJONI 07

ĠEMMA għandha żżid ir-riċerka tagħha dwar il-kapaċità finanzjarja sabiex Malta jkollha għarfien aħjar dwar il-kwistjonijiet relatati u hekk tiffaċilita t-tfassil ta' policies empiriċi u programmi.

## RAKKOMANDAZZJONI 08

It-titjib fl-evidenza u fl-evalwazzjoni jinsabu fil-qalba tal-Istrateġija, u ĠEMMA beħsiebha taddotta l-gwida tal-OECD biex tevalwa l-programmi ta' edukazzjoni finanzjarja u tfassalhom b'mod li jirriflettu riżorsi disponibbli ta' ĠEMMA.

## RAKKOMANDAZZJONI 09

Bejn l-2022 u l-2025, taħt it-Triq tal-Edukazzjoni se jiġu implimentati l-azzjonijiet li ġejjin:

1. Jitrawmu l-valuri tal-kapaċità finanzjarja fost iż-żgħażagħ (!)
2. Jissaħħu u jiġu promossi l-ħiliet tal-kapaċità finanzjarja fost l-adulti
3. Tissaħħaħ il-kapaċità finanzjarja fost gruppi vulnerabbli (!)
4. Introduzzjoni ta' pjattaforma għal tagħlim b'mezzi elettroniċi dwar il-kapaċità finanzjarja
5. Titkompla l-ħidma ma' msieħba strateġiċi għall-introduzzjoni ta' logħob edukattiv serju dwar il-kapaċità finanzjarja
6. Ikomplu jiġu estiżi r-riżorsi dwar kif tgħallem u kif titgħallem il-kapaċità finanzjarja
7. Titkompla l-ħidma ma' msieħba strateġiċi għal kampanji edukattivi dwar il-kapaċità finanzjarja. (!)

(!) **Azzjonijiet Strateġiċi**

## RAKKOMANDAZZJONI 10

Bejn l-2022 - 2025, taħt it-Triq tal-Outreach u l-Komunikazzjoni se jiġu implimentati l-azzjonijiet li ġejjin:

1. Il-pjattaforma gemma.gov.mt tkompli tevolvi u tikber
2. Iċ-ċittadini jkomplu jiġu involuti b'diversi mezzi ta' midja soċjali
3. Jiġi introdott servizz personalizzat ta' gwida għall-kapaċità finanzjarja
4. Ikomplu jiżdiedu l-għarfien u l-informazzjoni dwar il-kapaċità finanzjarja
5. Ġemma taħdem mal-Gvern u l-imsieħba strateġiċi biex tintroduċi azzjoni li twassal għal bidla fl-imġiba li tkun xprunata mill-kapaċità finanzjarja (!)

(!) **Azzjonijiet Strateġiċi**

## RAKKOMANDAZZJONI 11

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-2022 - 2025 se tkompli tiġi xprunata b'inizjattivi ma' msieħba strateġiċi.

## RAKKOMANDAZZJONI 12

L-Oqsma tal-Viżjoni u tal-Għarfien u l-Ħiliet Ewlenin jintlaħqu permezz ta' kollaborazzjoni nazzjonali. ĠEMMA se tistabbilixxi Kunsill Nazzjonali dwar il-Kapaċità Finanzjarja li jlaqqa' l-partijiet interessati kollha flimkien biex jiżgura sinerġija fost l-entitajiet involuti kollha u biex jippermetti l-qsim ta' lezzjonijiet miksuba u tal-aħjar prattiċi.

## RAKKOMANDAZZJONI 13

ĠEMMA se tkompli tissaħħaħ bħala organizzazzjoni li hi magħmula minn tim ewlieni żgħir b'appoġġ u b'funzjonijiet proġettwali sottokuntrattati li joperaw mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal. Dan għandu jkun ikkumplementat b'entità ta' kordinazzjoni li tlaqqa' flimkien ministeri msieħba ewlenin – prinċipalment, il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, u l-Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva.

# Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| DAI | Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Fakultà tal-IT, fl-Università ta' Malta |
| DG-FISMA | Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali |
| DLAP | Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar |
| EBA | Awtorità Bankarja Ewropea |
| ECOFIN | Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji |
| eSMF | Fondazzjoni e-Skills Malta |
| FSE | Fond Soċjali Ewropew |
| ĠEMMA | Pjattaforma tal-Gvern ta' Malta fuq l-edukazzjoni għall-kapaċità finanzjarja fi ħdan il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal. |
| GEGRFS | Grupp ta' Esperti Governattivi dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur |
| GIKF | Grupp dwar l-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja |
| GSP | Grupp ta' Strateġija għall-Pensjonijiet |
| HESC | Home Economics Seminar Centre |
| HSBCMF | Fondazzjoni HSBC Malta |
| KE | Kummissjoni Ewropea |
| KUE | Kunsill tal-Unjoni Ewropa |
| MCAST | Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija |
| MFED | Ministeru għall-Edukazzjoni |
| NIEF | Netwerk Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni Finanzjarja |
| OECD | Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku |
| OPS | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas- Solidarjeta' u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal |
| PE | Parlament Ewropew |
| SEO | Software Engine Optimised |
| SM | Stat/i Membru/i |
| SME | Intrapriżi Żgħar u Medji |
| SSM | Servizzi tas-Saħħa Mentali |
| Strateġija | Strateġija għall-Kapaċità Finanzjarja |
| UE | Unjoni Ewropea |
| UM | Università ta' Malta |
| USK | Unjoni tas-Suq Kapitali |

# Werrej

01 Introduzzjoni ........ 15

02 Ix-Xenarju tal-Kapaċità Finanzjarja f'Malta ........ 19

03 L-Unjoni Ewropea u l-Kapaċità Finanzjarja ........ 25

04 Ħarsa Ġenerali lejn it-Tagħlimiet Miksuba ........ 33

05 Miżuri Strateġiċi għall-2022 - 2025 ........ 41

05.1 Viżjoni għall-Kapaċità Finanzjarja ........ 41

05.2 Messaġġi Ċentrali li għandhom jiġu kkomunikati ........ 41

05.3 Oqsma Ewlenin tal-Għarfien u l-Ħiliet biex Ċittadin Malti jkun finanzjarjament kapaċi ........ 42

05.4 Toroq u l-Azzjonijiet Strateġiċi ........ 44

It-Triq tar-Riċerka u l-Evalwazzjoni ........ 44

It-Triq tal-Edukazzjoni ........ 45

It-Triq tal-Outreach u l-Komunikazzjoni ........ 49

Sħubijiet Strateġiċi ........ 52

05.5 Il-Kapaċità tal-Implimentazzjoni ........ 53


Fondi tal-UE
għal Malta
2014-2020
GVERN
TA' MALTA
SEGRETARJ
GĦALL-FON
ĠEMMA
know, plan, act
ħdem fin-negozju tal-f
bolla hija mod ta' kif tas
pensjoni tiegħek. Ħallas
MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ
U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA
U D-DRITTIJIET TAT-TFAL
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ
Fondi tal-UE
għal Malta
2014-2020
GVERN
TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ
ĠEMMA
know, plan, act
Kif tieħu ħsieb flusek
jekk id-dħul tal-familja
huwa baxx
GVERN
TA' MALTA
ĠEMMA
know, plan, act
ot ruħek bla xogħo
għandek Loan?
Fondi tal-UE
għal Malta
2014-2020
GVERN
TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ
U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA
U D-DRITTIJIET TAT-TFAL
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ
ĠEMMA
know, plan, act
L-abbuż finanzjarju
tar-romol jeżisti.

# Introduzzjoni

01

Ir-riformi fis-sistema tal-pensjonijiet mill-2004 'l hawn irrikonoxxew li jekk persuna xtaqet li fiż-żmien tal-irtirar tagħha jkollha dħul mill-pensjoni li jkun qrib id-dħul li kellha fiż-żmien meta kienet għadha taħdem, allura kien importanti li d-dħul mill-pensjoni tagħha jkun ikkumplementat minn tifdil personali għal żmien l-irtirar. Flimkien mar-rakkomandazzjoni għall-introduzzjoni tat-tieni u t-tielet qafas ta' pensjoni, il-Working Group tal-Pensjonijiet tal-2010 irrakkomanda li Malta tfassal u timplimenta qafas ħolistiku ta' litteriżmu finanzjarju. Filwaqt li l-Gvern ma addottax ir-rakkomandazzjonijiet għall-introduzzjoni tat-tieni u t-tielet qafas ta' pensjoni, fl-2012 stabbilixxa Kummissjoni għad-Dħul waqt l-Irtirar u l-Litteriżmu Finanzjarju biex tieħu ħsieb it-twaqqif ta' qafas nazzjonali għal-litteriżmu finanzjarju.

Il-Kummissjoni twaqqfet f'Lulju 2012, imma ma kenitx soda biżżejjed biex tiflaħ għal bidla fl-amministrazzjoni li seħħet f'Marzu 2013. Grupp għal Strateġija tal-Pensjonijiet ġdid, li ġie stabbilit permezz ta' mekkaniżmu fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali li jistipula li kull ħames snin l-amministrazzjoni għandha tevalwa l-livell tal-adegwatezza, is-sostenibbiltà u s-solidarjetà tas-sistema tal-pensjonijiet, fl-2015 ikkonkluda li:[3]

> "... JAQBEL MAD-DIREZZJONI PROPOSTA MIR-REVIŻJONI STRATEĠIKA TAL-2010 LI TITWAQQAF STRUTTURA EWLENIJA LI XOGĦOLHA JKUN LI TARTIKOLA STRATEĠIJA FINANZJARJA U GĦAD-DĦUL WAQT L-IRTIRAR, U LI TIKKOORDINA L-IMPLIMENTAZZJONI TAGĦHA. IL-GRUPP TA' STRATEĠIJA GĦALL-PENSJONIJIET JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI GĦAL-LITTERIŻMU FINANZJARJU U D-DĦUL WAQT L-IRTIRAR TIĠI RIKOSTITWITA".

F'Awwissu 2015, twaqqaf grupp interministerjali taħt il-Grupp ta' Strateġija għall-Pensjonijiet biex ifassal strateġija dwar id-dħul waqt l-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju għall-perijodu 2016-2018. L-istrateġija nħarġet għall-konsultazzjoni f'Jannar 2016. It-tweġiba għall-istrateġija minn gruppi kostitwiti u partijiet interessati oħra kienet pożittiva. Feedback importanti kien li l-istrateġija kienet tagħti aktar importanza lil-litteriżmu finanzjarju bħala mezz għall-irtirar milli kienet tagħti lill-immaniġġjar tal-flus u l-gruppi vulnerabbli. Barra minn hekk, ġie rrakkomandat li l-istrateġija kellha tiffoka fuq il-kapaċità finanzjarja aktar milli fuq il-litteriżmu finanzjarju minħabba li l-kapaċità finanzjarja, minbarra li tħaddan il-litteriżmu finanzjarju, tindirizza wkoll l-iżvantaġġi istituzzjonali li jagħmlu s-sitwazzjoni ta' familji vulnerabbli aktar diffiċli.

3 Pġ 35, Tisħiħ tas-Sistema tal-Pensjonijiet, Strateġija għal sistema ta' pensjonijiet Maltija adegwata u sostenibbli, GSP, 17 ta' Ġunju 2015.

F'Jannar 2017, il-Gvern ippubblika l-Istrateġija għall-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja. L-istrateġija addottat id-definizzjoni li ġejja għall-kapaċità finanzjarja:

> " ... KUNĊETT WIESA', LI JINKLUDI L-GĦARFIEN, IL-ĦILIET U L-KAPAĊITAJIET TAN-NIES BIEX JIFHMU Ċ-ĊIRKOSTANZI FINANZJARJI TAGĦHOM, KIF UKOLL IL-MOTIVAZZJONI BIEX JIEĦDU AZZJONI. KONSUMATURI B'KAPAĊITÀ FINANZJARJA JAFU JIPPJANAW, ISIBU U JUŻAW L-INFORMAZZJONI, JAFU META GĦANDHOM IFITTXU PARIR, U KAPAĊI JIFHMU U JAĠIXXU ABBAŻI TA' DAN IL-PARIR, LI JWASSALHOM GĦAL PARTEĊIPAZZJONI AKBAR FIS-SUQ TAS-SERVIZZI FINANZJARJI".4

L-istrateġija, li kienet tkopri l-perijodu 2017-2019, irrakkomandat li:

01. Il-messaġġi ċentrali tal-istrateġija kienu "għarfien", "ippjanar" u "azzjoni".

02. Il-viżjoni kienet li:

"Titjieb il-kapaċità finanzjarja personali taċ-ċittadini Maltin matul l-avvenimenti tal-ħajja u l-irtirar tagħhom biex tippermettilhom jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati aħjar li jkunu jaqblu maċ-ċirkostanzi individwali tagħhom."

03. Il-kapaċità finanzjarja kienet ħila ewlenija tal-ħajja għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, u għandu jkun hemm toroq li jiggwidaw ċittadini Maltin biex jiksbu l-kompetenzi meħtieġa fil-kapaċità finanzjarja fl-oqsma li ġejjin:
    - Maniġġjar tad-dejn
    - Maniġġjar ta' baġit ta' kuljum
    - Bini ta' xibka ta' sigurtà
    - Ippjanar għall-futur
    - Għarfien tal-affarijiet bażiċi tax-xenarju finanzjarju
    - Għarfien tad-drittijiet bażiċi tal-konsumatur.

04. Ġew stabbiliti tliet punti strateġiċi ewlenin – li l-entità li lilha tiġi assenjata r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-istrateġija:
    - tuża l-edukazzjoni biex twassal l-għarfien dwar id-dħul waqt l-irtirar u l-kapaċità finanzjarja;
    - tipprovdi informazzjoni ta' min joqgħod fuqha u indipendenti;
    - taħdem bi sħab biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet interessati kollha li huma involuti fl-irtirar u l-kapaċità finanzjarja.

4 Pġ 20, Strateġija għall-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja: Għarfien, Ippjanar, Azzjoni, 2017-2019.

- 05. Kellhom jiġu applikati kampanji ta’ tagħrif, edukazzjoni u informazzjoni ta’ min joqgħod fuqhom u indipendenti li jibnu u jsaħħu l-kapaċitajiet finanzjarji u tal-irtirar mas-soċjetà Maltija kollha. Messaġġi ta’ komunikazzjoni kellhom jiġu ssegmentati u mmirati lejn gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni u l-impjiegi bi strateġiji ta’ komunikazzjoni mfassla u implimentati għal:
  - Adulti żgħażagħ (20-34 sena)
  - Adulti żgħażagħ nisa (20-34 sena)
  - Adulti (35 sena sa qabel l-irtirar)
  - Adulti nisa (35 sena sa qabel l-irtirar)
  - Persuni li jaħdmu għal rashom
  - Adulti (u familji) f’impjieg bi dħul baxx jew fi stat ta’ privazzjoni
  - Adulti impjegati u ma għandhomx il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali mħallsa
  - Nisa separati u ddivorzjati
  - Nisa mdaħħlin fiż-żmien (60+) u nisa romol
  - Ommijiet waħedhom.

Ġie stabbilit Grupp dwar l-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja (GIKF) taħt il-GSP bil-mandat li jikkordina u jaħdem mal-partijiet interessati biex jimplimenta l-azzjonijiet ippreżentati fl-Istrateġija.

*Figura 01: Strateġija għall-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja 2017-2019*




Fl-2019 il-pjattaforma tal-irtirar u l-kapaċità finanzjarja ġiet ibbrendjata bħala ĠEMMA (isem femminili Malti li jfisser ukoll “iġġemma’”). Il-logo magħżul biex jirrappreżenta l-pjattaforma ta’ implimentazzjoni kien in-naħla tal-għasel. Il-pjattaforma ĠEMMA u l-implimentazzjoni tagħha tqiegħdu taħt l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal. Barra minn hekk, l-istrateġija ġiet estiża b’sena sal-2020.



ĠEMMA
know. plan. act.
Your trusted independent financial capability portal
RETIREMENT
PENSIONS
MANAGING YOUR MONEY
VIDEOS
RESOURCES
ENGLISH
AVAILABLE NOW!
Money Monsters is an interactive, educational game for children in primary school.
MONEY MONSTERS
FAQ
Working too hard – and losing money whilst doing it?
Having your first born
Are You Planning for your retirement?
Read more
Follow us!
BLACK BOOK OF
HSBC Malta and ĠEMMA launch fraud awareness
How to save money gardening
GEMMA LAUNCHES FUN EDUCATION EBOOKS ON

# Ix-Xenarju tal-Kapaċità Finanzjarja f'Malta

02

Wara l-kriżi finanzjarja globali tal-2008, il-litteriżmu finanzjarju ġie rikonoxxut bħala ħila individwali importanti fil-ħajja fil-maġġoranza tas-soċjetajiet avvanzati. Ir-raġunijiet sottostanti għaż-żieda fl-attenzjoni li bdiet tingħata lil din il-politika kienu jinkludu t-trasferiment ta' firxa wiesgħa ta' riskji (finanzjarji) għal fuq il-konsumaturi, il-kumplessità akbar u l-evoluzzjoni f'daqqa tax-xenarju finanzjarju, l-għadd dejjem jikber ta' konsumaturi / investituri attivi fl-isfera finanzjarja, u l-kapaċità limitata li r-regolamentazzjoni għandha biex waħidha tipproteġi lill-konsumaturi b'mod effiċjenti. F'dan il-kuntest, it-titjib fl-imġiba finanzjarja tal-individwi sar prijorità politika fit-tul f'ħafna pajjiżi, li wassal għal żvilupp ta' firxa wiesgħa ta' inizjattivi finanzjarji edukattivi mill-gvernijiet, mir-regolaturi u minn diversi partijiet interessati privati u ċivili oħra, xi kultant flimkien ma' miżuri ta' inklużjoni finanzjarja u protezzjoni tal-konsumatur. Il-kejl tal-litteriżmu finanzjarju kien wieħed mill-ewwel tliet prijoritajiet tal-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) / Network Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni Finanzjarja (INFE), li qablu li jiżviluppaw metodu komuni biex ikejlu l-litteriżmu finanzjarju u jsegwu l-progress. Ix-xogħol beda fl-2009 taħt il-gwida tas-sottogrupp ta' esperti tal-INFE dwar il-kejl tal-litteriżmu finanzjarju. Ġew żviluppati, ittestjati u saru disponibbli kwestjonarju bażiku u sett ta' għodod ta' appoġġ. Dan is-sett ta' għodod tal-OECD / INFE dwar il-litteriżmu finanzjarju u l-kejl tal-inklużjoni finanzjarja huwa rikonoxxut b'mod wiesa' bħala għodda globali importanti biex il-politika dwar l-edukazzjoni finanzjarja tkun waħda infurmata.

Malta, permezz ta' ĠEMMA u kofinanzjata mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE), ipparteċipat għall-ewwel darba fl-istħarriġ tal-OECD / INFE fl-2018.[5] Kif indikat fil-Prinċipji f'Livell Għoli dwar l-Istrateġiji Nazzjonali, żviluppati min-Network Internazzjonali tal-OECD dwar l-Edukazzjoni Finanzjarja (OECD / INFE), l-assessjar tal-kompetenzi tal-litteriżmu finanzjarju tal-popolazzjoni hija komponent ewlieni fi strateġija nazzjonali li tkun suċċess. L-opportunità li tinġabar l-informazzjoni bl-użu ta' strument internazzjonalment rilevanti permezz ta' eżerċizzju kkordinat kompliet iżżid il-valur ta' tali assessjar għax tippermetti lill-pajjiżi parteċipanti li jistabbilixxu standard għalihom infushom, jidentifikaw xejriet komuni, u jaħdmu flimkien biex isibu soluzzjonijiet għat-titjib fil-litteriżmu finanzjarju u l-benessri fi ħdan il-popolazzjonijiet rispettivi tagħhom.[6] F'dan ir-rigward, il-parteċipazzjoni ta' Malta permezz ta' ĠEMMA fl-istħarriġ tal-OECD / INFE tista':

1. Issegwi l-prestazzjoni f'termini ta' titjib fl-indikaturi tal-kapaċità finanzjarja u tal-litteriżmu minn ċiklu ta' stħarriġ għal ieħor;

2. Tara kif tkun sejra Malta meta mqabbla ma' parteċipanti oħra fin-network tal-OECD / INFE.

5 L-istrument tal-istħarriġ applikat għar-riċerka f'Malta kien il-verżjoni tal-OECD / INFE ta' Mejju 2018. Dan ir-rapport kien kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew għall-perijodu 2014-2021.

6 OECD (2020),OECD/INFE 2020 International Survey of Adult Financial Literacy, http://www.oecd.org/financial/education/oecd-infe-2020-international-survey-of-adult-financial-literacy.pdf

## RAKKOMANDAZZJONI 01

ĠEMMA se tapplika s-sett ta' għodod tal-litteriżmu finanzjarju tal-OECD / INFE bħala l-għodda ewlenija biex tkejjel kemm ikunu ntlaħqu l-objettivi tal-kapaċità finanzjarja u tal-litteriżmu.

Ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ tal-OECD / INFE, bit-titlu 'Measuring of Financial Literacy and Financial Inclusion' jinsabu fir-rapport intitolat 'Financial Literacy in Malta: A Study on the Awareness, Knowledge, Skills, Attitude and Behaviour Necessary to Make Sound Financial Decisions and Achieve Individual Financial Well-being'.[7] Kif stabbilit mis-sett ta' għodod tal-OECD / INFE, in-numru ta' parteċipanti li wieġbu għall-istħarriġ kien 1,000 (attwali: 1,071). It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta sommarju tar-riżultati ewlenin.

*Tabella 01: Riżultati Ewlenin tal-Istħarriġ tal-OECD / INFE għal Malta 2018*

| **Kategorija** | **Sottokategorija** | **Riżultat Ewlieni** |
|---|---|---|
| **L-ippjanar u l-immaniġġjar tal-finanzi** | It-teħid ta' deċiżjonijiet ta' kuljum dwar flushom u l-familja tagħhom | 61% tal-adulti jikkonsultaw ma' xi ħaddieħor biex jieħdu d-deċiżjonijiet ta' kuljum dwar il-flus fil-familja tagħhom. |
| | Inizjattivi meħuda biex jinżamm rekord tal-finanzi tal-familja | 1 minn kull 3 adulti f'Malta ma jżommu l-ebda rekord tal-finanzi tal-familja tagħhom. |
| | Lingwa ppreferuta għall-qari dwar prodotti ta' investiment | 35% tal-Maltin ('il fuq minn 45 sena) jippreferu jaqraw dwar prodotti ta' investiment bil-Malti. 35% oħra (taħt il-45 sena) jippreferu jaqraw din id-dokumentazzjoni bl-Ingliż. |
| **Tifdil b'mod attiv u xokkijiet finanzjarji** | Modi kif faddlu l-flus f'dawn l-aħħar 12-il xahar | 93% tal-adulti f'Malta huma meqjusa bħala nies li jfaddlu b'mod attiv, u jagħmlu dan b'modi differenti. |
| | Kapaċità li jiffaċċjaw spiża kbira ekwivalenti għad-dħul ta' xahar mingħajr ma jissellfu flus | 72% tal-adulti f'Malta kapaċi jiffaċċjaw spiża kbira ekwivalenti għad-dħul tagħhom ta' xahar mingħajr ma jkollhom jissellfu l-flus jew jitolbu l-għajnuna lill-membri tal-familja. |
| **Għanijiet finanzjarji** | Jissettjaw objettivi finanzjarji u x'azzjonijiet jieħdu biex jintlaħqu dawn l-objettivi | 55% tal-adulti f'Malta ma għandhomx objettivi finanzjarji. |

7 https://gemma.gov.mt/wp-content/uploads/2019/05/MPU-MFCS-Financial-Literacy-Study-Research-Findings-Report-storm-coverpage.pdf

| | | |
|---|---|---|
| **Pjanijiet tal-irtirar** | Twettiq ta' objettivi finanzjarji għall-irtirar | 5% tal-adulti f'Malta m'għandhomx pjan tal-irtirar. Hemm ukoll 11% oħra li ma jħossuhomx għalkollox kunfidenti jew mhumiex kunfidenti xejn li għamlu pjan tajjeb għal żmien l-irtirar. |
| | Il-finanzjament ta' żmien l-irtirar | 54% tal-adulti f'Malta se jiffinanzjaw / qed jiffinanzjaw / iffinanzjaw l-irtirar tagħhom billi jiġbdu minn dak li faddlu, filwaqt li 45% oħra jirċievu pensjoni tal-gvern / benefiċċju tax-xjuħija. |
| | Età ideali biex in-nies jibdew jagħmlu pjan finanzjarju biex jaħsbu għall-irtirar tagħhom | 43% tal-adulti f'Malta jemmnu li għandhom jibdew jagħmlu pjan finanzjarju biex jaħsbu għall-irtirar tagħhom fl-età ta' 20-29 sena. |
| **Biex ilaħħqu mal-ispejjeż** | Kienx hemm xi sitwazzjoni f'dawn l-aħħar 12-il xahar li fiha d-dħul ma kienx ikopri għalkollox l-ispejjeż tal-ħajja | 64% tal-adulti f'Malta ma ltaqgħux ma' sitwazzjonijiet fejn id-dħul tagħhom ma kienx ikopri l-ispejjeż tal-għajxien tagħhom f'dawn l-aħħar 12-il xahar. |
| | Azzjonijiet li ħadu biex ilaħħqu mal-ispejjeż tal-ħajja | 37% ta' dawk li wieġbu ssellfu mis-sors ta' kreditu eżistenti tagħhom billi użaw il-karta ta' kreditu tagħhom biex jiksbu flus kontanti jew biex iħallsu kontijiet / jixtru l-ikel. |
| **L-għażla u l-użu ta' prodotti u servizzi finanzjarji** | L-użu ta' tipi ta' prodotti finanzjarji | Kont tat-tifdil – 93% ta' dawk li ħadu sehem fl-istħarriġ |
| | Il-kunsiderazzjonijiet li ttieħdu fl-għażla ta' fond ta' pensjoni | Bħalissa 15% biss tal-adulti f'Malta għandhom fond ta' pensjoni privata. |
| **Attitudnijiet u mġiba** | Attitudnijiet finanzjarji | B'mod ġenerali, ir-riżultati mid-"dikjarazzjoni tal-attitudni finanzjarja" juru attitudni kemxejn kawta fost il-poplu Malti rigward l-ippjanar monetarju u finanzjarju.[8] |
| | Imġiba finanzjarja | Ġiet osservata mġiba kawta simili b'mod ġenerali fost il-poplu Malti rigward il-flus u l-ippjanar finanzjarju. |
| **Livell ta' għarfien finanzjarju** | Awtoassessjar dwar l-għarfien ġenerali dwar l-affarijiet relatati mal-finanzi | 44% tal-adulti jikklassifikaw il-livell tal-għarfien ġenerali tagħhom dwar l-affarijiet relatati mal-finanzi bħala medju.[8] |
| | L-ittestjar tal-għarfien finanzjarju u l-ħiliet fin-numri | L-aktar mistoqsija diffiċli, li ttestjat l-għarfien ta' dawk li wieġbu, kienet dik relatata mal-benefiċċju addizzjonali tal-compounding. 30% biss ta' dawk li wieġbu taw it-tweġiba korretta għal din il-mistoqsija. |

8 Fl-erba' Family Money Management Pulse Surveys li għamlet ĠEMMA dwar l-immaniġġjar tal-flus fil-familji bejn April u Novembru 2020 instab li kien hemm medja ta' madwar 52% minn dawk li wieġbu li huma konxji ħafna jew pjuttost konxji dwar kwistjonijiet relatati mal-finanzi.

It-tabella ta' hawn taħt tqabbel ir-riżultati ta' Malta mal-istħarriġ internazzjonali tal-OECD / INFE.[9]

*Tabella 02: Valutazzjoni Komparattiva tar-Riżultati tal-Istħarriġ tal-OECD / INFE ta' Malta għall-2018*

| Kategorija | Riżultat Komparattiv |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni dwar l-attitudni finanzjarja** | Fejn 62% tal-Maltin iżommu għajnejhom sew fuq l-affarijiet finanzjarji tagħhom, il-medja tal-pajjiżi parteċipanti kollha hija 51%, u tal-pajjiżi tal-OECD hija 50%.<br><br>Fejn madwar 68% tal-Maltin għandhom pjanijiet finanzjarji fit-tul u jistinkaw biex jilħquhom, il-medja tal-pajjiżi parteċipanti kollha hija 51%, u tal-pajjiżi tal-OECD hija 50%. |
| **Imġiba finanzjarja** | Fejn 95% tal-adulti f'Malta dejjem / ħafna drabi jħallsu l-kontijiet tagħhom fil-ħin, il-medja tal-pajjiżi parteċipanti kollha hija 79%, u tal-pajjiżi tal-OECD hija 84%.<br><br>Madwar 80% tal-adulti f'Malta dejjem / ħafna drabi iqisu jekk jistgħux jaffordjaw xi ħaġa qabel jixtruha. Dan jikkompara tajjeb mal-medja tal-pajjiżi parteċipanti kollha u tal-pajjiżi tal-OECD, li hi 80% u 79% rispettivament. |
| **Deċiżjonijiet ta' kuljum dwar il-flus u l-familja tagħhom** | Rigward l-adulti li d-deċiżjonijiet dwar il-flus tal-familja jeħduhom waħidhom jew ma' xi ħaddieħor fil-familja tagħhom, il-perċentwal ta' Malta kien 85%, filwaqt li l-medja għall-pajjiżi tal-OECD kien 91%. Malta hija waħda minn ftit pajjiżi (minn 30 pajjiż li pparteċipaw fl-istudju internazzjonali tal-OECD / INFE) li l-perċentwal kien inqas minn 88. L-Albanija (83%), il-Brażil (80%), l-Afrika ta' Isfel (67%) u l-Ġordan (66%) kellhom perċentwal inqas. |
| **Inizjattivi biex jinżamm rekord tal-finanzi tal-familji** | Il-medja tal-familji fil-pajjiżi tal-OECD li għandhom baġit hija 57%. Il-medja tat-30 pajjiż parteċipanti kollha hija 60%. 60% tal-Maltin jagħmlu xi forma ta' baġittjar. |
| **Modi ta' tifdil ta' flus f'dawn l-aħħar 12-il xahar** | Skont l-istħarriġ internazzjonali tal-OECD / INFE madwar il-pajjiżi parteċipanti kollha, kien hemm medja ta' 59% li kienu jfaddlu b'mod attiv fil-pajjiżi tal-OECD. Kien hemm disparità kbira bejn in-Norveġja, fejn it-tifdil attiv kien 84%, u l-Ungerija fejn kien 27%. It-tifdil attiv f'Malta kien fost l-ogħla. |
| **Azzjonijiet biex ilaħħqu mal-ispejjeż** | 34% tal-adulti ma jistgħux ilaħħqu mal-ispejjeż, li jindika li ħafna nies ma għandhomx fond finanzjarju għal li jista' jinqala' biex ikopri avvenimenti bħal dawn, jew possibbilment kienu użaw it-tifdil tagħhom biex ikopru spejjeż jew emerġenzi preċedenti. |

9 Pp. 4-12, Financial Literacy in Malta: A Study on the Awareness, Knowledge, Skills, Attitude and Behaviour Necessary to Make Sound Financial Decisions and Achieve Individual Finanial Well-being, M. Fsadni & Associates f'isem ĠEMMA, 2018.



2014-2020
ĠEMMA
MINISTRY FOR SOCIAL JUSTICE AND SOLIDARITY, THE FAMILY AND CHILDREN'S RIGHTS
PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EU FUNDS
The Government has increased the incentive on private pension.
Act now and enjoy its benefits later on!
www.gemma.gov.mt
KNOW. PLAN. ACT.
Operational Programme II – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds




EU funds for Malta 2014-2020
ĠEMMA
know. plan. act.
MINISTRY FOR THE FAMI
CHILDREN'S RIGHTS AND SOCIAL SOLIDARI
PARLIAMENTARY SECRETARI
FOR EUROPEAN FUNDS AND SOCIAL DIALOGU
First pay cheque?
Start saving!
www.gemma.gov.mt




EU funds for Malta 2014-2020
ĠEMMA
know. plan. act.
MINISTRY FOR SOCIAL JUSTICE AND SOLIDARITY, THE FAMILY AND CHILDREN'S RIGHTS
PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EU FUNDS
d you stop working for a while
raise children or to study?
he pension system
rovides for these gaps!
www.gemma.gov.mt
KNOW. PLAN. ACT.




EU funds for Malta 2014-2020
ĠEMMA
know. plan. act.
MINISTRY FOR SOCIAL JUSTICE AND SOLIDARITY, THE FAMILY AND CHILDREN'S RIGHTS
PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EU FUNDS
Being financially savvy pays off in the long run.
Visit gemma.gov.mt to update yourself.
www.gemma.gov.mt
KNOW. PLAN. ACT.
Operational Programme II – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds


LITTLE
BLACK BOOK OF
SCAMS & FRAUDS
PART I
LITTLE
BLACK BOOK OF
SCAMS & FRAUDS
PART 2
ĠEMMA
know, plan, act.
LITTLE
BLACK BOOK OF
SCAMS & FRAUDS
PART 3
ĠEMMA
know, plan, act.
LITTLE
BLACK BOOK OF
SCAMS & FRAUDS
PART 4
ĠEMMA
know, plan, act.
LITTLE
BLACK BOOK OF
SCAMS & FRAUDS
PART 5

# L-Unjoni Ewropea u l-Kapaċità Finanzjarja

03

L-importanza ta' edukazzjoni finanzjarja tajba ġiet rikonoxxuta fil-livell tal-Unjoni Ewropea (UE) primarjament permezz ta':

- White Paper dwar il-Politika tas-Servizzi Finanzjarji (2005-2010)
- Green Paper dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (PE) dwar il-politika tas-servizzi finanzjarji (2007).

Il-kwistjoni tal-edukazzjoni finanzjarja tqajmet ukoll fost il-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN) tal-Kunsill Ewropew f'Mejju 2007, li fihom il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea stieden lill-Istati Membri:

> "BIEX JINTENSIFIKAW B'MOD SINIFIKANTI L-ISFORZI TAGĦHOM BIEX TIŻDIED IS-SENSIBBILTÀ FOST IL-FAMILJI DWAR IL-ĦTIEĠA TA' DAWN TAL-AĦĦAR LI JIKSBU INFORMAZZJONI U EDUKAZZJONI XIERQA, FLIMKIEN MAR-RESPONSABBILTAJIET U L-INIZJATTIVI TAL-INDUSTRIJA FINANZJARJA STESS, KIF XIERAQ, SABIEX IL-FAMILJI JKUNU AKTAR IMĦEJJIJA FILWAQT LI TINŻAMM PROTEZZJONI ADEGWATA GĦALL-INVESTITUR".[10]

L-edukazzjoni finanzjarja tħabbret fir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea (KE) dwar Suq Uniku għall-Ewropa tas-Seklu Wieħed u Għoxrin bħala komponent essenzjali tal-isforzi tagħha biex tiżgura li s-Suq Uniku jġib benefiċċji diretti għaċ-ċittadini tal-Ewropa, b'mod partikolari billi tagħtihom is-setgħa mhux biss li jfittxu diversi alternattivi qabel jiddeċiedu li jixtru l-aħjar servizzi finanzjarji, kemm jekk fl-Istat Membru tagħhom stess kif ukoll jekk b'mod transkonfinali, iżda wkoll biex jifhmu ċerti elementi bażiċi u essenzjali tal-finanzi personali.[11]

Stħarriġiet, iffinanzjati mill-KE u li twettqu fl-2007, ipprovdew ħarsa ġenerali lejn id-diversi inizjattivi diġà fis-seħħ fl-Istati Membri. Ta' min jinnota, b'mod partikolari, li l-aktar suġġett komuni fil-programmi ta' edukazzjoni finanzjarja li ġew identifikati, kellhom x'jaqsmu ma' "kwistjonijiet monetarji bażiċi", bħal kif jintuża kont bankarju, kif ukoll ħiliet fl-ibbaġittjar, inkluż l-immaniġġjar tal-kreditu u d-dejn. F'dak iż-żmien, kwistjonijiet relatati mal-investiment, it-tifdil u l-irtirar, l-assigurazzjoni u r-risk management issemmew inqas minn oħrajn, għalkemm indikaw li jistgħu jkunu oqsma li jeħtieġu aktar attenzjoni fil-futur.[12] Skont l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri huma responsabbli għal-leġiżlazzjoni dwar l-edukazzjoni. L-azzjonijiet tal-KE fil-qasam tal-edukazzjoni finanzjarja fuq livell tal-UE jieħdu

10 Pġ 2, Edukazzjoni Finanzjarja, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Brussell, 18.12.2007, COM(007) 808 Finali.
11 Ibid.
12 Ibid. p.5.

l-forma ta' miżuri ta' inċentivi. Fl-2007, il-KE ppubblikat komunikazzjoni dwar l-edukazzjoni finanzjarja li tistabbilixxi tmien prinċipji bażiċi għall-għoti ta' edukazzjoni finanzjarja ta' kwalità għolja:[13]

- L-edukazzjoni finanzjarja tkun disponibbli u promossa b'mod attiv fl-istadji kollha tal-ħajja u fuq bażi kontinwa.
- Il-programmi ta' edukazzjoni finanzjarja jkunu mmirati bir-reqqa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċittadini. Sabiex jintlaħaq dan l-għan għandha titwettaq riċerka bil-quddiem dwar kemm iċ-ċittadini huma finanzjarjament sensibilizzati, u hekk ikunu jistgħu jiġu identifikati dawk il-kwistjonijiet li b'mod partikolari jeħtieġ li jiġu indirizzati. Il-programmi għandhom ikunu f'waqthom u faċilment aċċessibbli.
- Il-konsumaturi jirċievu edukazzjoni ekonomika u finanzjarja kmieni kemm jista' jkun, sa mill-iskola. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jikkunsidraw li jagħmlu l-edukazzjoni finanzjarja parti mill-kurrikulu obbligatorju tal-edukazzjoni skolastika.
- L-iskemi tal-edukazzjoni finanzjarja għandhom jinkludu għodod ġenerali biex il-pubbliku jkun aktar sensibilizzat dwar il-bżonn li jkun jifhem kwistjonijiet u riskji finanzjarji.
- L-edukazzjoni finanzjarja mogħtija mill-fornituri tas-servizzi finanzjarji trid tiġi pprovduta b'mod ġust, trasparenti u imparzjali. Għandu jiġi żgurat li dejjem tkun fl-aħjar interessi tal-konsumatur.
- Dawk li jagħtu taħriġ fl-edukazzjoni finanzjarja għandhom jingħataw ir-riżorsi u t-taħriġ xieraq biex ikunu jistgħu jwasslu programmi ta' edukazzjoni finanzjarja b'suċċess u b'mod kunfidenti.
- Għandha tiġi promossa l-kordinazzjoni nazzjonali bejn il-partijiet interessati sabiex is-separazzjoni tar-rwoli tkun ċara, jiġi ffaċilitat il-qsim tal-esperjenzi, u jiġu razzjonalizzati u prijoritizzati r-riżorsi. Il-koperazzjoni internazzjonali bejn il-fornituri għandha tissaħħaħ biex tiffaċilita l-iskambju bejniethom tal-aħjar prattiċi.
- Il-fornituri tal-edukazzjoni finanzjarja għandhom jevalwaw regolarment u, fejn meħtieġ, jaġġornaw l-iskemi li jamministraw biex iġibuhom konformi mal-aħjar prattiki fil-qasam.

Il-KE stiednet lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġiji nazzjonali dwar l-edukazzjoni finanzjarja bi programmi ta' edukazzjoni finanzjarja xierqa bbażati fuq dawn il-prinċipji. Barra minn hekk, il-KE nediet erba' inizjattivi għall-edukazzjoni finanzjarja, li huma dawn:

- Netwerk ta' prattikanti (Il-'Grupp ta' Esperti dwar l-Edukazzjoni Finanzjarja').
- Pubblikazzjoni ta' database online ta' skemi ta' edukazzjoni finanzjarja u riċerka fl-UE.
- Żvilupp ta' għodda online għall-informazzjoni u l-edukazzjoni tal-konsumatur immirata lejn l-għalliema (il-proġett 'Dolceta').
- Sponsorizzazzjoni ta' inizjattivi fl-Istati Membri.

Ir-regolament 2010/1093, li stabbilixxa l-Awtorità Bankarja Ewropea, ta mandat lill-Awtorità Bankarja Ewropea li "tirrevedi u tikkordina inizjattivi ta' litteriżmu finanzjarju u edukattiv li jsiru mill-awtoritajiet kompetenti", imwettaq bil-pubblikazzjoni tar-Rapport dwar l-Edukazzjoni Finanzjarja (l-ewwel ħarġa fl-2018, it-tieni waħda fl-2020). L-Awtorità Bankarja Ewropea stabbiliet repożitorju ta' miżuri ta' edukazzjoni finanzjarja. Sa Diċembru 2017, l-Istati Membri kienu qassmu 82 inizjattiva nazzjonali dwar l-edukazzjoni finanzjarja. Fl-2011, il-Grupp ta' Esperti dwar l-Edukazzjoni Finanzjarja ġie kkonsolidat mal-OECD / INFE. Fl-2010, il-KE ħolqot grupp simili dwar il-protezzjoni għall-konsumaturi u l-investituri: il-Grupp tal-Utenti tas-Servizzi Finanzjarji. Fl-2010, il-KE nediet proġett pilota biex l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet simili jkunu jistgħu jkollhom aċċess għall-għodod u l-informazzjoni meħtieġa.

13 Ibid. pp.7-9.

Fid-dokument ta' ħidma tagħha 'Knowledge-enhancing aspects of consumer empowerment (2012-2014)', il-KE identifikat l-azzjonijiet ewlenin li ġejjin biex issaħħaħ il-litteriżmu finanzjarju:

- Programm ta' taħriġ speċjali għall-organizzazzjonijiet bla skop ta' qligħ li jipprovdi pariri finanzjarji lill-konsumaturi;
- Materjal edukattiv dwar il-litteriżmu finanzjarju li għandu jkun parti mill-websajt komunitarja ġdida għall-għalliema, iffinanzjat mill-KE (Klassi tal-Konsumatur).

Fl-aġenda tar-riforma finanzjarja fl-2012, il-KE, bl-għan li ttejjeb il-protezzjoni tal-konsumaturi, ippubblikat id-Direttiva dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji, id-Direttivi dwar il-Kreditu lill-Konsumatur u l-Kreditu Ipotekarju, u r-Regolament dwar il-Prodotti ta' Investiment mhux Professjonali Offruti Flimkien. Id-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju msemmija hawn fuq inkludiet artikolu wieħed dwar l-edukazzjoni finanzjarja (l-Artikolu 6) li jistipula hekk:[14]

"1. L-Istati Membri għandhom jippromovu miżuri li jappoġġaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi b'rabta ma' self u ġestjoni tad-dejn responsabbli, b'mod partikolari b'rabta ma' kuntratti ta' kreditu ipotekarju. Hija meħtieġa informazzjoni ċara u ġenerali dwar il-proċess tal-għoti ta' kreditu sabiex tiggwida lill-konsumaturi speċjalment dawk li jieħdu kreditu ipotekarju għall-ewwel darba. Hija wkoll neċessarja informazzjoni dwar il-gwida li l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jagħtu lill-konsumaturi.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika valutazzjoni tal-edukazzjoni finanzjarja disponibbli għall-konsumaturi fl-Istati Membri u tidentifika eżempji tal-aħjar prattika li jistgħu jiġu żviluppati aktar sabiex jiżdied l-għarfien finanzjarju tal-konsumaturi."

Il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur, "Prodotti aħjar, għażla akbar, u opportunitajiet għall-konsumaturi u n-negozji", ippreżentata fl-2015, enfasizzat ukoll l-importanza tal-edukazzjoni finanzjarja. Hija rrikonoxxiet li l-edukazzjoni finanzjarja għenet fil-komparabilità u l-għarfien tal-konsumatur meta akkumpanjata minn għarfien akbar ta' informazzjoni dwar il-prodotti. Il-litteriżmu finanzjarju sar wieħed mill-punti fokali tal-Grupp ta' Esperti dwar l-ostakli għall-moviment liberu tal-kapital. Il-Kummissjoni Konġunta / Il-Pjan Direzzjonali ta' Azzjonijiet tal-Istati Membri tal-2017 iddikjaraw li sottogrupp, magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri interessati ġie stabbilit biex jaqsmu l-aħjar prattiki dwar programmi ta' litteriżmu finanzjarju kif ukoll jikkontribwixxi għal inizjattivi possibbli tal-Unjoni tas-Suq Kapitali dwar l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi biex jiżdied l-għarfien finanzjarju tal-Intrapriżi Żgħar u Medji (SME) u jgħinhom jaċċessaw sorsi alternattivi ta' finanzjament. Il-Grupp ta' Esperti rrakkomanda, fost l-oħrajn, li:[15]

- Kull Stat Membru għandu jkejjel ir-rata ta' litteriżmu finanzjarju tiegħu – jaddotta programm ta' litteriżmu finanzjarju bbażat fuq l-evidenza b'moduli għall-konsumaturi u l-SMEs. Il-programmi għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji u linji gwida ta' livell għoli tal-OECD dwar l-evalwazzjoni tal-programmi ta' edukazzjoni finanzjarja.
- L-Istati Membri għandhom ikunu ispirati mill-aħjar prattiki biex itejbu b'mod effettiv il-litteriżmu finanzjarju fuq livell nazzjonali u għandhom jiskambjaw l-aħjar prattiki tagħhom.
- Kull programm ta' litteriżmu finanzjarju għandu jkun faċilment disponibbli u aċċessibbli mill-konsumatur. B'mod speċifiku, kwalunkwe inizjattiva (jew programm) għandha tkun: (i) bla ħlas għall-pubbliku ġenerali; (ii) faċilment aċċessibbli online u b'forma stampata; titwassal b'lingwaġġ sempliċi; (iii) konsistenti fl-istil u l-preżentazzjoni; (iv) iddisinjata għal

14 https://ec.europa.eu/info/law/mortgage-credit-directive-2014-17-eu_en
15 https://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=37326&no=1

konsenja remota u ripetibbli; (v) tista' tiġi mgħallma u aċċessibbli għall-individwu; (vi) aċċessibbli mingħajr konnessjoni broadband b'veloċità għolja; (vii) espansibbli u faċli biex tiġi aġġornata; (viii) flessibbli għal profili ta' utenti differenti, għall-gruppi differenti li lilhom tkun immirata u gruppi f'livelli differenti ta' għarfien – filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli; (ix) ikkordinata ċentralment biex tiżgura li l-gruppi kollha li għalihom tkun mmirata u maħsuba jintlaħqu kollha; (x) evalwata sabiex jiġi vvalutat jekk il-programmi jkunux rilevanti u sostenibbli, u jekk ir-riżorsi jkunux qed jintefqu tajjeb.

Fi Frar 2015, fil-Green Paper dwar is-Swieq Kapitali, il-KE enfasizzat l-impatt tal-edukazzjoni finanzjarja fuq il-protezzjoni tal-konsumatur u l-importanza tal-promozzjoni ta' aktar għarfien fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Nota tal-ECOFIN, maħruġa f'Settembru 2019 bit-titolu "Capital Markets Union – reboot: a policy discussion on the future of the CMU" enfasizzat li:

> " ... IL-LITTERIŻMU FINANZJARJU KIEN PREKUNDIZZJONI FUNDAMENTALI FIL-BINI TAL-KAPAĊITÀ U L-FIDUĊJA TAĊ-ĊITTADINI BIEX DAWN JUŻAW IS-SERVIZZI FINANZJARJI B'MOD WIESA' [U LI] IL-KONSUMATURI JKUNU JISTGĦU JIFHMU U JAGĦŻLU L-AKTAR PRODOTT FINANZJARJU ADDATTAT GĦALIHOM [MINĦABBA LI] IL-LITTERIŻMU FINANZJARJU JISTA' L-AKTAR L-AKTAR JIFFAĊILITA L-INVESTIMENT DIRETT MINGĦAJR SPEJJEŻ TA' INTERMEDJAZZJONI GĦOLJIN LI NORMALMENT JINTALBU LILL-INVESTITURI FIL-LIVELL TAL-KONSUMATUR [U JŻID LI] IL-KE U L-ISTATI MEMBRI JISTGĦU JIFFAĊILITAW L-ISKAMBJI TAL-AĦJAR PRATTIKI BEJNIETHOM".[16]

Il-komunikazzjoni li tnediet reċentement mill-UE f'Settembru 2020 intitolata "Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji – pjan ta' azzjoni ġdid" tenfasizza li l-litteriżmu finanzjarju huwa ħila essenzjali biex jittieħdu deċiżjonijiet tajbin dwar il-finanzi personali, iżda ħila li ħafna nies għadhom iridu jitgħallmu. Żiedet tgħid li l-litteriżmu finanzjarju sod huwa l-pedament tal-kapaċità tan-nies li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji tajbin u għall-benessri finanzjarju tagħhom. Il-komunikazzjoni żżid ukoll li persuni li huma finanzjarjament litterati għandhom tendenza akbar li jibbenefikaw mill-possibiltajiet offruti mis-swieq kapitali, inkluż investimenti sostenibbli. Il-Pjan ta' Azzjoni jirrakkomanda bħala azzjoni li l-KE:

> "SABIEX TIPPROMOVI FEHIM KONDIVIŻ TAL-KOMPETENZA FINANZJARJA FOST L-AWTORITAJIET PUBBLIĊI U L-KORPI PRIVATI U BIEX TIPPROVDI BAŻI GĦALL-IŻVILUPP TAL-KOMPETENZA FINANZJARJA F'DIVERSI APPLIKAZZJONIJIET U KUNTESTI, IL-KUMMISSJONI SE TWETTAQ VALUTAZZJONI TAL-FATTIBBILTÀ GĦALL-IŻVILUPP TA' QAFAS TA' KOMPETENZA FINANZJARJA APPOSTA TAL-UE SA TMIEM IT-TIENI TRIMESTRU TAL-2021, LI JIBNI FUQ OQFSA EŻISTENTI RILEVANTI."[17]

16 https://eu2019.fi/documents/11707387/15400298/CMU+Reboot+Informal+ECOFIN+final+Issues+Note+2019-09-09_S4.pdf/05142af6-25f0-74d0-7d2a-7eb68a2bcb39/CMU+Reboot+Informal+ECOFIN+final+Issues+Note+2019-09-09_S4.pdf

17 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=COM:2020:590:FIN

Il-Pjan iżid jgħid li "din il-miżura tfittex li tipprovdi bażi kunċettwali komuni għall-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi privati tal-UE biex jiżviluppaw politiki u applikazzjonijiet u materjal ta' tagħlim li għandhom l-għan li jżidu l-kompetenza finanzjarja tal-individwi. Din se tibni fuq oqfsa eżistenti rilevanti u se tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà".[18]

Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur kmieni fl-2020 iddikjara li:

> "L-EFFETTI EKONOMIĊI TAL-PANDEMIJA TAL-CORONA (COVID-19) TAL-2020 SE JAFFETTWAW MILJUNI TA' FAMILJI FL-EWROPA FIS-SNIN LI ĠEJJIN ... BIEX ILAĦĦQU MAL-ISPEJJEŻ SE TKUN SFIDA GĦAL DAWK AFFETTWATI MIT-TNAQQIS FIR-RITMU EKONOMIKU, AĦSEB U ARA T-TIFDIL GĦAL EMERĠENZI LI JISTGĦU JINQALGĦU U L-INVESTIMENTI GĦALL-FUTUR. LI WIEĦED IKOLLU KOMPETENZI FINANZJARJI HUWA SAĦANSITRA AKTAR KRUĊJALI FI ŻMINIJIET TA' SFIDA BĦAL DAWN. DAWN JGĦINU LILL-FAMILJI JIPPREVIENU PROBLEMI FINANZJARJI U FAQAR. IR-RIĊERKA TURI LI ĦAFNA NIES MA GĦANDHOMX IL-ĦILIET FINANZJARJI NEĊESSARJI BIEX JIEĦDU DEĊIŻJONIJIET EKONOMIĊI TAJBA."[19]

Il-Grupp ta' Esperti enfasizza li:

> "ISSA HUWA AKTAR IMPORTANTI MINN QATT QABEL LI TITRAWWEM IR-REŻILJENZA FINANZJARJA TAL-FAMILJI EWROPEJ, SPEĊJALMENT DAWK LI HUMA FINANZJARJAMENT VULNERABBLI. MHUX BISS GĦAX DAN ITEJJEB IL-BENESSRI TAL-FAMILJI INDIVIDWALI, IŻDA WKOLL MINĦABBA LI L-ILLITTERIŻMU FINANZJARJU JĠIB MIEGĦU SPEJJEŻ KONSIDEREVOLI GĦAS-SOĊJETÀ. IL-LITTERIŻMU FINANZJARJU JTEJJEB L-ISTABBILTÀ FINANZJARJA, IT-TKABBIR EKONOMIKU U L-UGWALJANZA SOĊJALI."[20]

---

18 Ibid.

19 Pġ 1, Dokument ta' Diskussjoni għall-Grupp ta' Esperti Governattivi dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur, rappreżentanti mill-Olanda, il-Portugall, l-Italja u Franza.

20 Ibid.

Il-KE, id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (DG-FISMA) ħarġu rapport f'April 2021 dwar il-valutazzjoni tal-fattibbiltà għall-iżvilupp ta' qafas ta' kompetenza finanzjarja fl-UE.[21] Ir-rapporti jenfasizzaw li: [22]

1. Il-litteriżmu finanzjarju huwa essenzjali għall-benessri finanzjarju tal-individwi.
2. Il-litteriżmu finanzjarju qed isir dejjem aktar vitali għall-individwi.
3. Żieda fil-litteriżmu finanzjarju tal-individwi tista' tkun ta' benefiċċji għas-swieq kapitali u s-sistema finanzjarja iktar wiesgħa.
4. Il-livell ta' litteriżmu finanzjarju fost l-individwi fl-Istati Membri għadu baxx wisq.
5. It-tisħiħ tal-litteriżmu finanzjarju huwa għalhekk fuq quddiem tal-aġenda ta' dawk li jfasslu l-politika u partijiet ikkonċernati oħra.

Ir-rapport jenfasizza wkoll li l-litteriżmu finanzjarju "jgħin lill-individwi jiżviluppaw drawwiet finanzjarji sani, bħall-ippjanar tajjeb għall-irtirar, l-ibbaġittjar u t-tifdil. Barra minn hekk, tgħinhom jieħdu deċiżjonijiet aktar effettivi dwar il-finanzi personali, bħall-finanzjament tax-xiri ta' dar, jew deċiżjonijiet biex jgħinu lil dak li jkun jilħaq l-għanijiet finanzjarji personali ... għandu wkoll impatt pożittiv fuq l-ekonomija u s-soċjetà kollha kemm hi, peress li l-individwi qed isiru aktar finanzjarjament reżiljenti, jitnaqqsu l-inugwaljanzi u tiġi ssapportjata l-parteċipazzjoni effettiva fl-ekonomija ... il-pandemija attwali tal-COVID-19 tpoġġi aktar pressjoni fuq is-sistemi tal-welfare, u toħroġ aktar fid-deher il-ħtieġa li l-individwi jkunu finanzjarjament reżiljenti. Sa mill-bidu tal-pandemija, il-familji ntlaqtu ħażin ħafna finanzjarjament bi tnaqqis f'daqqa fid-dħul tagħhom jew bi spejjeż mhux mistennija. B'kuntrast ma' dan, oħrajn raw l-infiq tagħhom jonqos u rnexxielhom iġemmgħu aktar, għalkemm mhux neċessarjament kienu jafu kif jistgħu jutilizzaw bl-aħjar mod it-tifdil tagħhom."[23]

Ir-rapport itemm jgħid li filwaqt li l-UE introduċiet oqfsa ta' kompetenza f'oqsma oħra bħad-DigComp u l-EntreCom, sa issa għad ma hemmx qafas ta' kompetenza finanzjarja. Ir-rapport jgħid li l-aħjar triq 'il quddiem hija li ssir ħidma fuq qafas konġunt ta' kompetenza finanzjarja UE/OECD-INFE – li jibni fuq il-qafas eżistenti tal-OECD/INFE. 24 Ir-rapport jipproponi wkoll li x-xogħol konġunt tal-EU/OECD jista' jibda bl-iżvilupp ta' qafas ta' kompetenza finanzjarja għall-adulti, u sussegwentement isegwi l-iżvilupp ta' qafas ta' kompetenza finanzjarja għaż-żgħażagħ peress li jkun preferibbli li jiġu żviluppati żewġ oqfsa distinti ta' kompetenza finanzjarja, peress li t-tfassil ta' kompetenzi, il-każijiet tal-utenti u l-istrutturi ta' governanza huma distinti wisq bejniethom biex jinqabdu f'qafas wieħed.[25]

21 https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/business_economy_euro/banking_and_finance/documents/210408-report-financial-competence-framework_en.pdf

22 Pp.2-3, Rapport dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-fattibbiltà għall-iżvilupp ta' qafas ta' kompetenza finanzjarja tal-UE, rapport tad-DĠ FISMA, KE, https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/business_economy_euro/banking_and_finance/documents/210408-report-financial-competence-framework_en.pdf

23 Pg 2, Ibid.

24 Pg 7, Ibid.

25 Pg 8, Ibid.

Ir-rapport jenfasizza l-importanza li l-iżvilupp tal-qafas konġunt ta' kompetenza finanzjarja tal-UE/OECD-INFE isir permezz tal-involviment tal-Istati Membri – waqt li l-Grupp ta' Esperti tal-Gvern dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur (GEGRFS), immoderat mill-KE u magħmul minn rappreżentanti tal-Ministeri tal-Finanzi, ikun iservi bħala pjattaforma utli. [26] Huwa pertinenti li jingħad li l-Gvern ta' Malta diġà nnomina r-rappreżentanti tiegħu fis-sottogrupp tal-GEGRFS dwar il-litteriżmu finanzjarju. Din l-inizjattiva konġunta UE/OECD-INFE tnediet fis-26 ta' April 2021.

## RAKKOMANDAZZJONI 02

Malta, bit-tmexxija tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, u bl-appoġġ ta' partijiet interessati bħall-Ministeru għall-Edukazzjoni, il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal, u partijiet interessati oħra, għandu jkollha rwol attiv fi ħdan il-Grupp ta' Esperti Governattivi dwar is-Servizz Finanzjarju għall-Konsumatur rigward l-iżvilupp tal-qafas konġunt għall-kompetenza finanzjarja UE/OECD-INFE.

Għandu jiġi nnotat ukoll li l-Parlament Ewropew (PE) ilu sa mir-riżoluzzjoni tal-2008 (2007/2288 (INI)) jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex iżidu l-litteriżmu finanzjarju fost iċ-ċittadini. Fir-riżoluzzjoni tal-2010 (2009 / 2204 (INI)), il-PE ġibed l-attenzjoni dwar it-tnaqqis fin-numru ta' nisa li jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji u dwar l-importanza li din is-sitwazzjoni titreġġa' lura peress li normalment huma n-nisa li jimmaniġġjaw il-baġits tal-familji. Fl-2010 il-PE għadda riżoluzzjoni biex jippromovi l-litteriżmu finanzjarju fost in-nisa u t-tfajliet, u fl-2012 iddikjara li minħabba l-kriżi finanzjarja l-UE kellha bżonn telimina l-ostakli għat-tmexxija bla intoppi tas-Suq Uniku, inkluż l-aċċess għall-finanzjament u l-litteriżmu finanzjarju. Fl-2013, il-PE għadda riżoluzzjoni dwar ftehim ta' kreditu fuq proprjetà residenzjali li enfasizzat l-importanza ta' self u dejn sostenibbli, kif ukoll l-inklużjoni finanzjarja. Fl-2014 hija addottat direttiva dwar il-kontijiet tal-ħlas, b'enfasi li kull Stat Membru għandu jimplimenta miżuri biex jiżviluppa l-kapaċità finanzjarja tal-klijenti l-aktar vulnerabbli tiegħu, filwaqt li fl-2016 ġie introdott regolament tal-UE dwar prodotti ta' investiment li jkunu bbażati fuq l-assigurazzjoni, b'enfasi fuq il-fatt li l-prodotti finanzjarji jistgħu jkunu diffiċli biex jinftiehmu.

26 Ibid.







# Ħarsa Ġenerali lejn it-Tagħlimiet Miksuba

04

L-Istrateġija 2017-2019 kienet il-bidu ta' qafas strateġiku ħolistiku għall-kapaċità finanzjarja f'Malta. Dan l-ewwel ċiklu ta' tliet snin, estiż bi 12-il xahar ieħor, kien dwar il-mobilizzazzjoni u l-bini tal-kapaċità, l-għarfien tax-xenarju tal-kapaċità finanzjarja f'Malta, l-identifikar tal-oqsma fejn jitwettaq dak li hu l-aktar ta' valur, il-bini tal-kredibilità, it-twaqqif ta' sħubijiet strateġiċi kredibbli, u sforzi biex jittieħdu miżuri effettivi dwar il-kapaċità finanzjarja. Il-perijodu bejn l-2017 u l-2020 jista' jitqabbel maċ-ċiklu inizjali tal-ħajja ta' kumpanija li għadha fil-bidu tagħha.

Ta' min jinnota li riċerka indipendenti li saret f'isem ĠEMMA f'Marzu 2021 turi li 30% tal-persuni intervistati jafu b'ĠEMMA, b'21% jindikaw li involvew ruħhom magħha.[27] Dawn il-figuri jirrappreżentaw żieda notevoli fuq studji preċedenti. L-għarfien dwar ĠEMMA u l-involviment magħha żdiedu b'mod sinifikanti minn April 2020 – meta 20% kienu semgħu b'ĠEMMA u 9% biss kienu u involvew ruħhom magħha.28

Il-konklużjonijiet minn din il-ħarsa ġenerali lejn it-tagħlimiet miksuba jistabbilixxu l-bażi tad-direzzjoni għall-perijodu tal-erba' snin li jmiss, mill-2022 sal-2025, li għandha tiġi koperta mill-Istrateġija l-ġdida. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta fil-qosor ġabra tal-attivitajiet relatati ma' ĠEMMA.



27 The ĠEMMA Pulse Survey on Household Money Management – Yearly Review, EMCS, ĠEMMA, March 2021.
28 The ĠEMMA Pulse Survey on Household Money Management – Yearly Review, EMCS, ĠEMMA, April 2020.

*Tabella 03: Punti Ewlenin tal-Programm ta' Implimentazzjoni ta' ĠEMMA: 2017-2020*

| **Miżura Strateġika 1:**<br>**Użu ta' Toroq Edukattivi għall-Promozzjoni tal-Għarfien dwar id-Dħul Waqt l-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja** | | |
|---|---|---|
| Livell 3 Litteriżmu Finanzjarju | 2018-2021 | Ippreparat u mniedi bi sħab mal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST). Kofinanzjat mill-FSE. |
| Livell 4 Maniġġjar tal-Benefiċċji | 2018-2021 | Ippreparat u mniedi bi sħab mal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST). Kofinanzjat mill-FSE. |
| Laboratorju tal-Ikel Tajjeb għas-Saħħa | 2018-2021 | Kofinanzjament miksub mill-FSE. Imniedi mill-Home Economics Seminar Centre (HESC) fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar (DLAP) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED). |
| Skola Sajf | 2019, 2021 | Parteċipazzjoni flimkien mal-HSBC Malta Foundation (HSBCMF) fi tħejjija ta' logħob relatat mal-edukazzjoni finanzjarja mmirat lejn studenti f'livell primarju. |
| Kwizz Nazzjonali dwar il-Litteriżmu Finanzjarju | 2019 | Assistenza mogħtija lill-HSBC Malta Foundation (HSBCMF) u DLAP fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni. |
| Drammi bil-video edukattivi interattivi | 2019 | "ĠEMMA Ftit" – immirat lejn studenti f'livell primarju. Imħejji flimkien ma' HSBCMF u DLAP fi ħdan il-MFED. |
| | 2020 | "ĠEMMA Ftit 2" – immirat lejn studenti bejn Livell 9 u s-Sixth Form. Imħejji flimkien ma' HSBCMF u DLAP fi ħdan l-MFED. |
| Gamification | 2019-2021 | "Money Monsters" – immirat lejn l-istudenti f'livell primarju. Imħejji flimkien ma' DLAP fi ħdan l-MFED u DAI fi ħdan l-Università ta' Malta. |
| Kotba elettroniċi divertenti għall-Edukazzjoni tal-Kapaċità Finanzjarja | 2020 | Tnediet kompetizzjoni nazzjonali. Tnidew 6 kotba elettroniċi bl-istampi. Magħmula flimkien ma' DLAP fi ħdan l-MFED. |
| Is-Saħħa Mentali u l-Kapaċità Finanzjarja | 2020 | Programm imfassal apposta għal persuni b'kundizzjoni ta' saħħa mentali li jgħixu fil-komunità. Ippreparat ma' HSBCMF u s-Servizzi tas-Saħħa Mentali (MHS). |

| **Miżura Strateġika 2:**<br>**Fornitur ta' Informazzjoni ta' Min Joqgħod Fuqha u Indipendenti** | | |
|---|---|---|
| Portal | 2017 | 677 blog posts u 253 paġna - kontenut aġġornat mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa. |
| | | Is-sessjonijiet żdiedu minn 35,028 fl-2018 għal 103,712 fl-2020. |
| Onfoq bi-Għaqal | 2018 | Kampanja nazzjonali dwar l-infiq responsabbli matul il-festi tal-Milied u s-Sena l-Ġdida. |
| Facebook | 2018 | 16,904 likes sa Awwissu 2021. |
| Infografika | 2018 | Inħarġu 54 infografika. 35 huma relatati mal-iscams u l-frodi. Ippreparati mal-Fondazzjoni e-Skills Malta (eSMF). |
| App | 2019 | Mobile App ĠEMMA Budgeting Tool |
| Skola Sajf | | Parteċipazzjoni flimkien mal-HSBCMF fejn tħejja logħob relatat mal-edukazzjoni finanzjarja immirat lejn studenti f'livell primarju. |
| eBooks għal gruppi vulnerabbli | 2019 - 2021 | Kofinanzjat mill-FSE. Tnidew 8 eBooks immirati lejn persuni b'diżabilità, persuni li jaħdmu fin-negozju tal-familja tagħhom, persuni li jaħdmu għal rashom, familji bi dħul baxx, persuni qiegħda, romol, ġenituri waħedhom, u persuni li ddivorzjaw jew isseparaw jew li qegħdin fil-proċess biex jagħmlu dan. |
| Kampanja Nazzjonali ta' Għarfien dwar il-Kapaċità Finanzjarja | 2019 - 2021 | Kofinanzjat mill-FSE. Twettqu 16-il kampanja permezz midja differenti indirizzati lejn 14-il grupp vulnerabbli b'żewġ temi wiesgħa li jolqtu diversi sottotemi tal-kapaċità finanzjarja. |
| Webinars | 2020 - | 15 |
| Vidjows | 2018 - | 165 |
| Kalkolaturi | 2018 | 28 |
| Il-Ktieb iż-Żgħir L-Iswed dwar l-Iscams u l-Frodi | 2020 - | Inħarġu ħames "Kotba Żgħar Suwed dwar l-Iscams u l-Frodi". Erbgħa minnhom imħejjija flimkien mal-Fondazzjoni e-Skills Malta u wieħed mal-HSBCMF. |
| eBooks | 2020 - | Inħarġu erba' eBooks għal min jaħdem għal rasu, dwar is-saħħa mentali u l-kapaċità finanzjarja, kif jaħdmu s-sistemi tal-pensjonijiet fil-każ ta' persuni li twieldu fl-1962 u wara, u spjega tal-lingwaġġ relatat mal-pensjonijiet privati. |

| **Miżura Strateġika 3:**<br>**Ħidma fi Sħubijiet biex Jissaħħu r-Relazzjonijiet bejn il-Partijiet Kollha Involuti fl-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja** | |
|---|---|
| Fondazzjoni HSBC Malta | 2019 |
| Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | 2019 |
| Università ta' Malta | 2020 |
| eSkills Malta Foundation | 2020 |
| General Workers Union | 2020 |
| Bank of Valletta | 2020 |
| MAPFRE MSV Life | 2020 |
| Servizzi tas-Saħħa Mentali | 2020 |
| Kamra Maltija tal-SMEs | 2020 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 2020 |
| UĦM Voice of the Workers | 2021 |
| APS Bank | 2021 |
| Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | 2021 |
| Aġenzija Żgħażagħ | 2021 |

Matul iż-żmien kopert mill-Istrateġija ġiet introdotta r-raba' miżura strateġika: ir-Riċerka. Ir-riċerka li saret kienet tikkonsisti f'dan li ġej

| | |
|---|---|
| Stħarriġ Nazzjonali tal-OECD / INFE għal Malta. Kofinanzjat mill-FSE | 2018 |
| Riċerka dwar l-Infiq fil-Milied u s-Sena l-Ġdida | 2019, 2020 |
| Riċerka kwalitattiva (qabel u wara) fuq 14-il kampanja b'midja differenti, immirati lejn gruppi vulnerabbli. Kofinanzjat mill-FSE. | 2019 - 2021 |
| Ulse Survey dwar l-Immaniġġjar tal-Flus fil-Familji matul il-pandemija tal-COVID-19 (6 stħarriġiet b'kollox). | 2020 - 2021 |
| Stħarriġ dwar l-iscams u l-frodi f'Malta. | 2021 |
| Stħarriġ dwar l-għarfien dwar is-sistema tal-pensjonijiet minn persuni li twieldu fl-1962 jew wara. | 2021 |

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni ta' ĠEMMA matul it-terminu tal-istrateġija.

*Tabella 04: Reviżjoni tal-Implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja 2017-2019 (+ Sena)*

| Miżuri Strateġiċi tal-Istrateġija 2017-2019 | Status | Rakkomandazzjonijiet Implimentati | Progress li Sar | Tagħlimiet Miksuba |
|---|---|---|---|---|
| L-użu ta' toroq edukattivi | | 02, 03, 04, 05 (minn 8 – spjegati f'Anness I) | Ġew imfassla mill-ġdid azzjonijiet relatati mal-abbozzar ta' Qafas ta' Kapaċità Finanzjarja u r-rikonċiljazzjoni mal-Kurrikulu Nazzjonali. L-isforzi kienu primarjament immirati lejn il-ħidma fuq għanijiet ta' tagħlim relatati mal-iskola primarja u r-riżorsi ta' appoġġ. | L-għan inizjali kien ambizzjuż wisq. |
| | | | Bdew u tlestew diversi inizjattivi, inkluż mal-partijiet interessati, biex jipprovdu riżorsi għall-għalliema dwar il-kapaċità finanzjarja – b'enfasi l-aktar fuq l-iskejjel primarji. | Ħtieġa ta' relazzjoni aktar mill-qrib mal-Prinċipali tal-Kulleġġi u l-Kapijiet tal-Iskejjel. |
| | | | Impatt limitat rigward toroq ta' Edukazzjoni dwar il-Kapaċità Finanzjarja għall-istudenti minn livell 9 sal-livell terzjarju. | Ġiet sottovalutata l-kapaċità meħtieġa u l-bini ta' relazzjoni mal-istituzzjonijiet edukattivi. |
| | | | Saru bosta kampanji edukattivi mmirati lejn partijiet interessati differenti, iżda b'impatt limitat minħabba li l-kampanji kienu qosra. | Tisħiħ ta' messaġġi edukattivi u baġit li jissapportjahom. |
| | | | Il-kampanji ta' edukazzjoni ma kinux jinkludu elementi li jistgħu jġibu bidliet fl-imġiba. | Fejn possibbli, għandhom jitfasslu kampanji b'elementi li jwasslu għal bidliet fl-imġiba. |
| | | | Ġie introdott taħriġ individwali għal gruppi speċifiċi. | Edukazzjoni individwali / edukazzjoni fi grupp / ikkowċjar huma għodda effettivi ta' tagħlim. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Fornitur ta' informazzjoni affidabbli u indipendenti | | 01, 02, 03, 04 (Minn 5 – kif imsemmi hawn fuq) | Il-midja soċjali kienet limitata għal għodda waħda, l-aktar minħabba l-isforz meħtieġ biex il-kontenut jiġi mmirat lejn udjenza speċifika. | Kontenut imfassal bis-sehem ta' influencers u ambaxxaturi, sħab strateġiċi u diversi mezzi ta' midja soċjali skont il-gruppi tal-popolazzjoni li jkunu qed jiġu mmirati. |
| | | | It-tixrid tal-kontenut ġie mxekkel minħabba l-assenza ta' netwerk ta' relazzjonijiet pubbliċi b'saħħithom u nuqqas ta' kumpanija medjatika. | Hemm bżonn ta' netwerk ta' relazzjonijiet pubbliċi b'sapport minn organizzazzjoni medjatika. |
| | | | Kien hemm espożizzjoni limitata għal ĠEMMA u għall-attivitajiet ta' ĠEMMA. | ĠEMMA għandha bżonn viżibilità akbar. |
| | | | Il-kontenut imtella' fuq il-portal kien approssimattiv. | Il-kontenut irid ikun organizzat, u jkun hemm riżorsi skont il-linji tat-toroq tal-edukazzjoni. |
| | | | Il-kontenut fuq il-portal irid ikun semplifikat u Software Engine Optimized. | Hemm bżonn li s-semplifikazzjoni u l-proċess SEO jinbdew. |
| Xogħol fi Sħubija | | 01, 02 (Minn 2 – kif imsemmi hawn fuq) | Appoġġ għall-attivitajiet ta' ĠEMMA. | Is-sħab strateġiċi jintużaw primarjament biex jipprovdu riżorsi "in specie". |
| | | | Ħtieġa ta' stimolu akbar għal sħubijiet strateġiċi. | Jinħtieġ ownership intern minn ĠEMMA biex isir l-aħjar użu possibbli mis-sħubijiet. |

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-2017-2019 stabbiliet aspettattivi pożittivi fost il-partijiet interessati u, maż-żmien, dejjem aktar fost il-pubbliku, dwar kif l-attivitajiet u l-inizjattivi ta' ĠEMMA jistgħu jġibu titjib fil-kapaċità finanzjarja.

## RAKKOMANDAZZJONI 03

L-Istrateġija għall-2022-2025 se tiffoka primarjament fuq il-konsolidament tal-pjattaforma tal-kapaċità finanzjarja ta' ĠEMMA u tibni kemm fuq it-tagħlimiet miksuba kif ukoll fuq l-esperjenzi pożittivi.


EU funds for Malta 2014-2020
ĠEMMA
know. plan. act.
MINISTRY FOR THE FAMILY, CHILDREN'S RIGHTS AND SOCIAL SOLIDARITY
PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EUROPEAN FUNDS AND SOCIAL DIALOGUE
Student?
Start good money habits, now!
Spend less than you earn.
EU funds for Malta 2014-2020
ĠEMMA
know. plan. act.
MINISTRY FOR SOCIAL JUSTICE AND SOLIDARITY, THE FAMILY AND CHILDREN'S RIGHTS
PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EUROPEAN FUNDS
Are you a single parent?
You will earn a higher income
if you better your skills.
www.gemma.gov.mt
KNOW. PLAN. ACT.
Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-
EU funds for Malta 2014-2020
ĠEMMA
know. plan. act.
Want an independent life
art with financial assistance.
www.gemma.gov.mt
Operational Programme II- European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds

# Miżuri Strateġiċi għall-2022-2025

05

## 05.1 VIŻJONI GĦALL-KAPAĊITÀ FINANZJARJA

Il-viżjoni stabbilita għall-kapaċità finanzjarja fl-Istrateġija għall-2017-2019 se tinżamm – b'bidla waħda. Din l-istrateġija tagħmel riferenza għal li "tiffaċilita" li ċ-ċittadini Maltin jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati aħjar li jkunu jaqblu maċ-ċirkostanzi individwali tagħhom. Il-viżjoni ppreżentata f'din l-Istrateġija tqiegħed enfasi fuq li "tagħti setgħa" (empowerment) aktar milli "tiffaċilita". L-għan ta' din il-bidla huwa li turi li l-għan aħħari tal-Istrateġija tal-kapaċità finanzjarja huwa li ċ-ċittadini Maltin jieħdu deċiżjonijiet infurmati bbażati fuq il-kapaċità finanzjarja tagħhom.

## RAKKOMANDAZZJONI 04

Il-viżjoni hija li titjieb il-kapaċità finanzjarja taċ-ċittadini Maltin fl-avvenimenti tal-ħajja tagħhom u l-irtirar u hekk jingħataw il-kapaċità li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji aktar infurmati li jkunu jaqblu maċ-ċirkostanzi personali tagħhom.

## 05.2 MESSAĠĠI ĊENTRALI LI GĦANDHOM JIĠU KKOMUNIKATI

Matul it-terminu tal-Istrateġija, il-messaġġi ċentrali li jiġu kkomunikati minn ĠEMMA jibqgħu t-tliet kelmiet ewlenin li twasslu bejn l-2017 u l-2021. Dawn il-messaġġi ċentrali jibqgħu rilevanti peress li jenfasizzaw il-kontinwità li l-inizjattivi tal-kapaċità finanzjarja ta' ĠEMMA għandhom jiksbu – dak li fl-aħħar mill-aħħar l-għarfien għandu jwassal għall-azzjoni individwali ta' kapaċità finanzjarja. Il-messaġġi ċentrali huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

*Tabella 05: Messaġġi ta' Komunikazzjoni Ċentrali ta' ĠEMMA*

| | |
|---|---|
| Kun Af | Ċittadin Malti li jkun aktar infurmat huwa aktar probabbli li jieħu deċiżjonijiet finanzjarji raġunati u bis-sens. Dan ifisser li ċ-ċittadin jeħtieġ aċċess għall-għarfien u l-għodod tat-tagħlim kif ukoll netwerks ta' appoġġ biex jiggwidawh u jgħinuh jieħu d-deċiżjonijiet tajba f'kuntest li hu daqstant kumpless. |
| Ippjana | Ċittadin Malti b'kapaċità finanzjarja u infurmat jista' jippjana bil-quddiem għall-kwalità tal-ħajja li jixtieq li jkollu matul il-vjaġġ tal-ħajja – u kif id-deċiżjonijiet finanzjarji se jippermettulu jikseb l-għanijiet ta' ħajtu. |
| Aġixxi | Li tkun taf u tippjana biss, anki jekk importanti ħafna, mhumiex biżżejjed. Ir-riżultat tal-għarfien u l-ippjanar dwar il-kapaċità finanzjarja għandu jkun l-azzjoni. Biex l-inizjattivi tal-kapaċità finanzjarja jkunu tassew suċċess għandhom iħajru ċittadin Malti jieħu deċiżjonijiet finanzjarji li jtejbu l-kwalità tal-ħajja matul ħajtu. |




## RAKKOMANDAZZJONI 05

ĠEMMA se tkompli ssaħħaħ il-messaġġi ċentrali tagħha ta' **Kun Af**, **Ippjana** u **Aġixxi**.

### 05.3 KATEGORIJI EWLENIN TAL-GĦARFIEN U OQSMA TA' ĦILIET BIEX ĊITTADIN MALTI JKUN FINANZJARJAMENT KAPAĊI

L-oqsma tal-għarfien u l-ħiliet biex ċittadin Malti jkun finanzjarjament kapaċi kif ippreżentat fl-Istrateġija għall-2017-2019 għandhom jinżammu – b'żieda ta' tliet oqsma mas-sitt kompetenzi essenzjali għall-ħajja attwali. Dawn huma ppreżentati fit-tabella hawn taħt.

*Tabella 06: Kategoriji Ewlenin Ġodda tal-Għarfien u Oqsma ta' Ħiliet għaċ-Ċittadin Malti biex ikun Finanzjarjament Kapaċi*

| | |
|---|---|
| **Immaniġġjar tat-tifdil** | Għarfien tal-importanza tat-tifdil u kif l-aħjar timmaniġġjahom sabiex ikunu protetti u jagħtuk l-ogħla benefiċċju possibbli. |
| **Protezzjoni mill-abbuż finanzjarju** | Protezzjoni tiegħek innifsek u tal-familja tiegħek mill-abbuż u l-esplojtazzjoni finanzjarju. |
| **Xenarju finanzjarju diġitali** | Għarfien tax-xenarju finanzjarju diġitali, inkluż servizzi bankarji bl-Internet, e-banking, għodod ta' e-investment, kif ukoll l-għarfien u l-kapaċità li tipproteġi lilek innifsek minn scams u frodi diġitali. |

## RAKKOMANDAZZJONI 06

Il-kapaċità finanzjarja hija ħila ewlenija għall-ħajja kemm għall-ġenerazzjonijiet attwali kif ukoll dawk futuri. L-istrateġija tistabbilixxi toroq varji biex tiggwida liċ-ċittadini Maltin biex jiksbu l-kompetenzi meħtieġa għal kapaċità finanzjarja fl-oqsma tal-għarfien u l-ħiliet tal-kapaċità finanzjarja li ġejjin:

- Jimmaniġġjaw baġit
- Jimmaniġġjaw it-tifdil
- Jimmaniġġjaw id-dejn
- Jibnu xibka ta' sigurtà
- Jippjanaw għall-futur
- Jifhmu l-affarijiet bażiċi f'xenarju finanzjarju
- Jipproteġu lilhom infushom mill-abbuż finanzjarju
- Jifhmu x'inhu l-iffinanzjar diġitali
- Jifhmu liema huma d-drittijiet bażiċi tal-konsumatur.

*Figura 02: Ħarsa Ġenerali lejn l-Istrateġija għall-Kapaċità Finanzjarja għall-2022 - 2025*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Viżjoni** | Intejbu l-kapaċità finanzjarja taċ-ċittadini Maltin matul l-avvenimenti tal-ħajja u l-irtirar u hekk jingħataw il-kapaċità li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji aktar infurmati u li jaqblu maċ-ċirkostanzi personali tagħhom. | | |
| **Messaġġi Ċentrali** | **Kun af** | **Ippjana** | **Aġixxi** |
| **Oqsma Ewlenin tal-Għarfien u l-Ħiliet** | Baġittjar | Tifdil | Maniġġjar tad-dejn |
| | Xibka ta' sigurtà | Ippjanar għall-futur | Għarfien tax-xenarju finanzjarju |
| | Protezzjoni mill-abbuż u l-isfruttament finanzjarju | Għarfien tad-drittijiet tal-konsumatur | Finanzjar Diġitali |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Toroq** | Riċerka u evalwazzjoni | Edukazzjoni | Outreach u komunikazzjonijiet | Sħubijiet strateġiċi |
| **Stadji tal-Ħajja** | Tfal | Żgħażagħ | Adulti | Irtirati |
| **Azzjonijiet Strateġiċi** | Nixprunaw bidla fl-imġiba | Trawwim ta' valuri fiż-żgħażagħ | Bini tal-kapaċità finanzjarja ta' persuni vulnerabbli | Tħejjija għall-irtirar |

## 05.4 IT-TOROQ U L-AZZJONIJIET STRATEĠIĊI

### 05.4.1 Riċerka u Evalwazzjoni

Qabel it-twaqqif tal-programm tal-kapaċità finanzjarja ta' ĠEMMA, l-istituzzjonijiet tar-riċerka ta' Malta kellhom informazzjoni limitata relatata mal-kapaċità finanzjarja f'Malta. Ir-riċerka limitata disponibbli kienet primarjament permezz ta' teżijiet fil-livell ta' grad universitarju u postgraduate minn studenti fl-Università ta' Malta kif ukoll barra. Waħda mill-ewwel inizjattivi ewlenin ta' ĠEMMA kienet, tabilħaqq, it-twettiq ta' stħarriġ bl-għodod tal-OECD / INFE, kif kien diskuss aktar kmieni.

Ir-riċerka li saret kienet tikkostitwixxi mhux biss standard li miegħu jista' jitkejjel l-impatt tal-programmi ta' edukazzjoni finanzjarja ta' Malta fuq medda taż-żmien permezz ta' parteċipazzjoni ulterjuri fl-istħarriġ tal-OECD / INFE, iżda wkoll ippreżentat, għall-ewwel darba, informazzjoni sigura li tista' sservi bħala bażi empirika biex fuqha jitfasslu politiki u programmi ta' kapaċità finanzjarja.

ĠEMMA wettqet riċerka oħra, kif indikat fil-kapitlu ta' qabel. Dawn l-inizjattivi ta' riċerka, għalkemm juru titjib fuq is-sitwazzjoni preċedenti, għadhom juru ambjent ta' riċerka ristrett, u jeħtieġ li jitwessgħu b'mod sinifikanti sabiex Malta jkollha għarfien aħjar tas-sitwazzjoni attwali dwar il-kapaċità finanzjarja fost gruppi differenti tal-popolazzjoni u f'oqsma ta' politika trasversali.

## RAKKOMANDAZZJONI 07

ĠEMMA għandha żżid ir-riċerka tagħha dwar il-kapaċità finanzjarja sabiex Malta jkollha għarfien aħjar dwar il-kwistjonijiet relatati u hekk tiffaċilita t-tfassil ta' policies empiriċi u programmi.

It-titjib fl-evidenza u l-evalwazzjoni jinsab fil-qalba tal-Istrateġija – huwa kruċjali li t-tfassil tal-programmi u d-deċiżjonijiet dwar finanzjamenti jkunu bbażati fuq evidenza soda dwar x'hemm bżonn u x'jiffunzjona. Il-progress li sar sa issa fl-iżvilupp ta' bażi ta' evidenza soda u prattika ta' evalwazzjoni għall-attivitajiet ta' ĠEMMA għadu fil-bidu tiegħu – sa issa limitat biss għat-twettiq ta' valutazzjoni kwalitattiva tal-kampanji ta' edukazzjoni finanzjarja diretti lejn gruppi vulnerabbli.



L-Istrateġija tirrakkomanda li ĠEMMA tadotta l-gwida tal-OECD għall-evalwazzjoni tal-programmi ta' edukazzjoni finanzjarja – u tikkalibraha biex tirrifletti l-kapaċità tar-riżorsi ta' ĠEMMA. Il-gwida tistabbilixxi qafas ta' evalwazzjoni li jinkorpora passi bħall-ippjanar, it-tfassil tal-evalwazzjoni, l-implimentazzjoni, ir-rappurtar u l-użu tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni.

## RAKKOMANDAZZJONI 08

It-titjib fl-evidenza u fl-evalwazzjoni jinsabu fil-qalba tal-Istrateġija, u ĠEMMA beħsiebha taddotta l-gwida tal-OECD biex tevalwa l-programmi ta' edukazzjoni finanzjarja u tfassalhom b'mod li jirriflettu riżorsi disponibbli ta' ĠEMMA.

### 05.4.2 It-Triq tal-Edukazzjoni

Dawn il-prijoritajiet strateġiċi u l-azzjonijiet li ġejjin se jiġu addottati minn ĠEMMA matul il-mandat tal-Istrateġija għall-2022 - 2025.

#### (A) IT-TRAWWIM TAL-VALURI TAL-KAPAĊITÀ FINANZJARJA F'PERSUNI ŻGĦAR FL-ETÀ. ⟨!⟩

Mir-riċerka dwar l-iżvilupp, huwa magħruf li ħafna mid-drawwiet u l-attitudnijiet jiġu ffurmati fl-ewwel seba' snin tal-ħajja. Tabilħaqq, tfal li jitgħallmu kompetenzi finanzjarji minn età bikrija għandhom tendenza akbar li jġibu ruħhom ekonomikament maturi bħala adulti. Huwa assolutament importanti li l-edukazzjoni dwar il-kapaċità finanzjarja tibda mill-iskola primarja.[29] ĠEMMA għandha taħdem mal-awtoritajiet edukattivi biex tiżgura li l-programmi ta' kapaċità finanzjarja jiġu addottati fuq bażi strutturata li tiżgura li dawn jiġu rinforzati sabiex il-miżuri jkollhom impatt sinifikanti fuq l-imġiba. Interventi ta' darba kull tant jew għal żmien qasir mhumiex biżżejjed. Il-programmi u l-kontenut tagħhom għandhom jiġu allinjati mal-ħajja ta' hemm barra fl-istess mod kif persuni ta' din l-età jipperċepuhom u jkunu ppreżentati f'termini ta' sitwazzjonijiet reali. ĠEMMA għandha tkompli tinvolvi u taħdem mill-qrib mal-professjonisti edukattivi hi u tgħaqqad flimkien programmi u miżuri ta' kapaċità finanzjarja għall-istudenti. Barra minn hekk, il-ġenituri għandhom ikunu involuti fit-tfassil ta' materjal ta' kapaċità finanzjarja għal tfal żgħar.

#### (B) IT-TISĦIĦ U L-INFILSAR TAL-ĦILIET TAL-KAPAĊITÀ FINANZJARJA FOST L-ADULTI

Il-materjal edukattiv dwar il-kapaċità finanzjarja se jiffoka fuq tliet livelli – livelli li jirriflettu l-messaġġi ċentrali ta' KUN AF – IPPJANA – AĠIXXI. Kif intqal qabel, għalkemm l-għarfien (KUN AF) mhuwiex biżżejjed biex ibiddel l-imġiba, huwa prerekwiżit għaż-żewġ livelli l-oħra. L-ippjanar (IPPJANA) għandu x'jaqsam ħafna mal-ħiliet u l-kompetenzi. L-azzjoni (AĠIXXI) għandha x'taqsam mal-kundizzjonijiet meħtieġa biex jitpoġġew fil-prattika l-għarfien u l-ħiliet. Barra minn hekk, l-edukazzjoni finanzjarja, l-informazzjoni u l-metodi ta' kif jitwasslu għandhom jitfasslu skont iċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet ta' min jużahom. Biex "tkun taf il-popolazzjoni" hemm żewġ livelli: (a) l-għarfien tal-kuntest demografiku tal-individwu, u (b) il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, l-ostakli, il-ħiliet u l-motivazzjoni tal-individwu nnifsu.

29 Pġ 7, Dokument ta' diskussjoni għall-Grupp ta' Esperti Governattivi dwar is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur, rappreżentanti mill-Olanda, il-Portugall, l-Italja u Franza.




## (C) GRUPPI VULNERABBLI U L-KAPAĊITÀ FINANZJARJA

Xi gruppi huma aktar vulnerabbli għall-problemi finanzjarji minn gruppi oħrajn. Ir-riċerka turina li għalkemm il-gruppi vulnerabbli jistgħu jvarjaw bejn pajjiż u ieħor, hemm erba' karatteristiċi ġenerali, xi drabi wkoll jidħlu f'xulxin, li jżidu l-vulnerabilità għax-xokkijiet finanzjarji b'mod ġenerali u kif ġie esperjenzat fil-pandemija tal-COVID-19.[30]

1. Fraġilità finanzjarja minħabba buffers finanzjarji insuffiċjenti
2. Livelli baxxi ta' kompetenzi finanzjarji
3. Status soċjoekonomiku aktar baxx
4. F'riskju ta' tnaqqis fid-dħul minħabba tnaqqis fil-bejgħ, telf ta' impjiegi jew kuntratti flessibbli.

Qed jiġi propost li l-edukazzjoni finanzjarja għall-gruppi vulnerabbli għandha:

1. Idealment tnaqqas il-kumplessità fit-teħid tad-deċiżjonijiet, pereżempju, billi tipprovdi għajnuniet bħal defaults, simplifikar tal-formoli jew enfasi fuq l-aktar informazzjoni importanti.
2. Tkun magħmula b'mod li ssolvi sitwazzjonijiet reali fil-ħajja tal-gruppi speċifiċi li lejhom tkun indirizzata.
3. Tgħin lin-nies kif ifittxu l-għajnuna jekk ma jkunux jistgħu jimmaniġġjaw waħedhom.

Dan ifisser li l-edukazzjoni finanzjarja għal gruppi vulnerabbli għandha titwettaq direttament mal-popolazzjoni speċifika li lilha tkun indirizzata. Ifisser ukoll li biex dawn il-persuni jintlaħqu, il-professjonisti li jaħdmu ma' dawn il-gruppi jridu jkunu involuti fit-tfassil u t-twassil ta' programmi edukattivi dwar il-kapaċità finanzjarja. ĠEMMA, bi sħab mal-HSBCMF, ippilotat dan il-kunċett fl-2020 fejn, flimkien mal-istaff professjonali u persunal ta' appoġġ tal-Aġenzija għas-Servizzi tas-Saħħa Mentali fasslet u nediet programm ta' kapaċità finanzjarja għal persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali. Dan il-programm huwa l-mod kif ĠEMMA, tul it-terminu ta' din l-Istrateġija u bi sħab ma' partijiet interessati, se tipprova twettaq inizjattivi ta' kapaċità finanzjarja indirizzati

30 Ibid.

lejn persuni vulnerabbli, inklużi persuni qiegħda, persuni li jaħdmu għal rashom, persuni b'ħiliet baxxi, eċċ.

## (D) TAGĦLIM ELETTRONIKU (E-LEARNING) TAL-KAPAĊITÀ FINANZJARJA

Kif intwera qabel, ĠEMMA ħolqot korp sinifikanti ta' kontenut u riżorsi dwar il-kapaċità finanzjarja. Il-pass naturali li jmiss huwa li ĠEMMA torganizza dan il-kontenut fuq bażi modulari u twasslu permezz ta' pjattaforma ta' e-learning. Pjattaforma ta' tagħlim elettroniku bħal din tindirizza l-lakuni attwali ta' riżorsi ta' tagħlim strutturati dwar il-kapaċità finanzjarja – u hekk tipprovdi aċċess faċli għall-edukazzjoni dwar il-kapaċità finanzjarja. Il-pjattaforma ta' e-learning tikkostitwixxi wkoll għodda importanti li ĠEMMA tkun tista' tuża fl-inizjattivi edukattivi tagħha.

Fit-tfassil u l-introduzzjoni tal-pjattaforma ta' e-learning għandhom jiġu kkunsidrati tliet passi importanti. L-ewwel nett, l-użu ta' profili dwar il-kapaċità finanzjarja bbażati fuq l-Intelliġenza Artifiċjali li jidderieġu lil dak li jkun lejn it-triq tat-tagħlim dwar il-kapaċità finanzjarja li l-aktar tgħodd għall-ħtiġijiet tagħha. It-tieni, elementi li jħajru n-nies jidħlu fil-pjattaforma ta' e-learning se jkunu integrati fil-kunċett tad-disinn. It-tielet, il-kontenut u r-riżorsi fuq il-pjattaforma ta' e-learning se jkunu bilingwi – bl-ewwel lingwa li titla' tkun il-paġna bil-Malti. Wieħed isib pjattaformi ta' e-learning simili integrati f'portals dwar il-kapaċità finanzjarja. Żewġ eżempji ta' portals simili huma "Sorted", fi New Zealand, u TODOS CONTAM, fil-Portugall.

## (E) EDUKAZZJONI GĦALL-KAPAĊITÀ FINANZJARJA BIL-GAMIFICATION

Sa ftit ilu ma kien hemm l-ebda logħob serju (gamification) għall-edukazzjoni finanzjarja għall-użu tal-istudenti, il-ġenituri u l-għalliema biex jużawhom bħala riżorsi ta' tagħlim. Kif muri diġà, fl-2019, ĠEMMA daħlet fi sħubija strateġika ta' tliet snin mal-Università ta' Malta fejn l-istudenti li jsegwu l-modulu Web Data Mining (ARI3216) fi ħdan id-Dipartiment tal-AI huma mitluba jippreżentaw kunċett ta' disinn għal logħba serja edukattiva dwar il-kapaċità finanzjarja. L-istudenti li jippreżentaw l-aħjar kunċett ta' disinn jirbħu premju monetarju sponsorjat minn ĠEMMA. Minbarra dan, l-istudenti li jippreżentaw l-aħjar kunċett ta' disinn jiġu offruti l-opportunità li jiżviluppaw il-kunċett tagħhom sa livell ta' prototip li jkun jaħdem, hawn ukoll bi premju monetarju.

Fil-modulu tal-2019/2020 ngħataw tliet premjijiet għal kunċetti ta' disinn eċċellenti. Grupp minnhom kompla miexi 'l quddiem u wassal il-kunċett sal-livell ta' prototip li jaħdem. 'Money Monsters' illum hija logħba edukattiva b'approċċ pedagoġiku u hija disponibbli għall-għalliema, il-ġenituri u t-tfal. Matul it-terminu ta' din l-Istrateġija ĠEMMA se tkompli taħdem mal-partijiet interessati fil-qasam tal-edukazzjoni biex jitħejja logħob serju edukattiv dwar il-kapaċità finanzjarja.

## (F) IR-RIŻORSI BIEX TGĦALLEM / TITGĦALLEM IL-KAPAĊITÀ FINANZJARJA

ĠEMMA ħadmet mal-awtoritajiet edukattivi u mas-sħab strateġiċi biex tiżviluppa riżorsi biex wieħed jgħallem jew jitgħallem dwar il-kapaċità finanzjarja. Dawn kienu jinkludu vidjows interattivi, workshops ta' Skola Sajf, kotba edukattivi divertenti, kompetizzjonijiet għall-aħjar posters. L-iżvilupp ta' riżorsi bħal dawn biex jgħinu lil dak li jkun jgħallem / jitgħallem indirizzati lejn it-tfal u ż-żgħażagħ għandu jibqa' aspett importanti.

## (G) KAMPANJI EDUKATTIVI DWAR IL-KAPAĊITÀ FINANZJARJA

Il-kampanja ta' komunikazzjoni għall-kapaċità finanzjarja, kofinanzjata mill-FSE, tintemm fl-2021. Il-kontenut użat f'din il-kampanja, immirat lejn gruppi vulnerabbli, se jservi bħala riżorsa ewlenija ta' komunikazzjoni. Kif intqal qabel, il-kampanji ta' komunikazzjoni jistgħu jkunu tassew effettivi biss jekk isiru fuq medda twila ta' żmien. B'hekk biss li l-messaġġ li jrid jitwassal ikun jista' jidħol fil-psike pubblika.

Ta' min jenfasizza li filwaqt li kampanji qosra se jibqgħu jiġu kkunsidrati u applikati kif xieraq, se jkun hemm bidla lejn strateġija ħolistika u fit-tul għal kampanja multimedjatika maħsuba biex iddaħħal fil-moħħ tal-pubbliku il-messaġġ li jrid jitwassal dwar il-kapaċità finanzjarja.

Ta' min jgħid li se jintgħażel numru żgħir ta' kampanji bħal dawn – waħda, forsi tnejn – li jkunu għaddejjin fl-istess ħin sabiex isir l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi u l-isforzi jkunu kkonċentrati. L-Istrateġija tipprevedi li għall-bidu ĠEMMA tibda fuq strateġija ħolistika maħsuba biex tissensibilizza l-pubbliku dwar l-importanza li d-dħul mill-pensjoni tal-istat ikun ikkumplementat b'pensjoni privata. It-tul ta' żmien ta' kampanja bħal din ma jkunx inqas minn 24 xahar.













## RAKKOMANDAZZJONI 09

Bejn l-2022 - 2025, taħt it-Triq tal-Edukazzjoni se jiġu implimentati l-azzjonijiet li ġejjin:

1. Jitrawmu l-valuri tal-kapaċità finanzjarja fost iż-żgħażagħ (!)
2. Jissaħħu u jiġu promossi l-ħiliet tal-kapaċità finanzjarja fost l-adulti
3. Tissaħħaħ il-kapaċità finanzjarja fost gruppi vulnerabbli (!)
4. Introduzzjoni ta' pjattaforma għal tagħlim b'mezzi elettroniċi dwar il-kapaċità finanzjarja
5. Titkompla l-ħidma ma' msieħba strateġiċi għall-introduzzjoni ta' logħob edukattiv serju dwar il-kapaċità finanzjarja
6. Ikomplu jiġu estiżi r-riżorsi dwar kif tgħallem u kif titgħallem il-kapaċità finanzjarja
7. Titkompla l-ħidma ma' msieħba strateġiċi għal kampanji edukattivi dwar il-kapaċità finanzjarja. (!)

(!) **Azzjonijiet Strateġiċi**

### 05.4.3 It-Triq tal-Outreach u l-Komunikazzjoni

#### (A) GEMMA.GOV.MT

Il-preżenza online tal-kapaċità finanzjarja nkisbet għall-ewwel darba permezz tat-tnedija ta' gemma.gov.mt f'Novembru 2017. Illum, il-portal gemma.gov.mt jiġi aġġornat regolarment u l-kontenut disponibbli kompla jitwessa'. It-tabella ta' hawn taħt turi l-prestazzjoni tal-udjenza fuq il-portal.

*Tabella 07: Prestazzjoni tal-Udjenza fuq gemma.gov.mt*

| Sena | Sessjonijiet | Utenti | Desktop | Mobile | Tablet | Dirett | Organiċi | Soċjali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2018 | 35,028 | 28,175 | 20,660 | 9,720 | 1,897 | 14,409 | 3,042 | 11,537 |
| 2019 | 59,557 | 54,462 | 32,782 | 19,591 | 2,838 | 44,134 | 5,111 | 5,684 |
| 2020 | 95,688 | 83,649 | 48,474 | 31,545 | 3,851 | 20,057 | 16,515 | 47,143 |
| 2021* | 85,172 | 85,172 | 38,025 | 37,258 | 3,394 | 32,325 | 9335 | 36,500 |

* Informazzjoni sal-aħħar ta' Lulju 2021

Tajjeb ngħidu li skont r-riċerka meta l-informazzjoni finanzjarja titwassal b'mod azzjonabbli, rilevanti u f'waqtu, akbar hija l-probabbiltà li n-nies jaċċettaw l-informazzjoni u jaġixxu fuqha. Din l-Istrateġija qed tipproponi li l-Gvern ikompli jinvesti f'dan il-portal dwar il-kapaċità finanzjarja kemm f'termini ta' kontenut u żvilupp ta' riżorsi, kif ukoll billi isostnih b'teknoloġija emerġenti u hekk jiġi żgurat li jibqa' effettiv u rilevanti.






## (B) PREŻENZA FUQ IL-MIDJA SOĊJALI

Sa mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-2017-2019, il-preżenza ta' ĠEMMA fuq il-midja soċjali kienet limitata għal Facebook. Matul dan il-perijodu, il-paġna ta' Facebook ĠEMMA kisbet 16,904 like. Ta' min jinnota li 81% tas-segwaċi ta' ĠEMMA huma nisa – 25% u 19% fil-gruppi ta' età 35-44 u 45-54 sena rispettivament.

Biex ĠEMMA jirnexxilha twassal il-messaġġi tagħha dwar il-kapaċità finanzjarja, jeħtieġ li tinvesti aktar sabiex tħaddan strateġija dwar il-midja soċjali ferm aktar komprensiva – bl-użu ta' pjattaformi tal-midja soċjali xierqa mmirati lejn udjenzi u etajiet differenti. L-investiment għandu jinkludi kemm l-involviment ta' kittieba ta' kontenut kif ukoll ta' bloggers sabiex il-messaġġi finanzjarji jiġu intonati b'mod adegwat u għas-Software Engine Optimisation (SEO) u t-tisħiħ tal-messaġġi. Barra minn hekk, jekk l-inizjattiva tal-ambaxxaturi / influencers tagħti riżultati pożittivi allura dan għandu jsir parti integrali mill-istrateġija ta' ĠEMMA fuq il-midja soċjali.

## (C) SERVIZZ PERSONALIZZAT TA' KOWĊING FUQ IL-KAPAĊITÀ FINANZJARJA

Meta l-pjattaforma tal-kapaċità finanzjarja ta' ĠEMMA tkun ikkonsolidata u rabbiet aktar għeruq, għandhom jittieħdu passi biex fi ħdanha jitwaqqaf servizz ta' gwida għall-kapaċità finanzjarja. Illum, ĠEMMA tipprovdi funzjonalità dwar il-kapaċità finanzjarja pjuttost passiva, li tikkonsisti fit-tixrid tal-informazzjoni u l-għarfien. Appena l-messaġġi ewlenin dwar il-kapaċità finanzjarja jaqbdu l-għeruq, u abbażi tal-esperjenza barra minn Malta, il-membri tal-pubbliku jibdew ifittxu huma stess tweġibiet għall-mistoqsijiet li jkollhom. Dan jirrikjedi l-kapaċità u l-abbiltà li tirċievi u twieġeb għal dawn il-mistoqsijiet, u, kif ikun meħtieġ, tipprovdi gwida.

Għalhekk, hemm il-ħtieġa li ĠEMMA tistabbilixxi mezz ta' kuntatt, li jkun appoġġat mir-riżorsi meħtieġa, li jippermettilha twieġeb għal talbiet bħal dawn, u fejn tkun appoġġata minn netwerk ta' kowċis li jistgħu jiġu assenjati biex jipprovdu gwida u / jew edukazzjoni prattika lil persuni li jkunu qed jitolbu għajnuna. Il-kapaċità ta' tali mezz li jipprovdi gwida u edukazzjoni one-to-one hija importanti. L-edukazzjoni finanzjarja hija l-aktar effettiva meta ma tkunx ħaġa ta' darba, iżda pjuttost meta tippermetti opportunitajiet kontinwi għan-nies li jżidu l-għarfien u l-kunfidenza

tagħhom, jissettjaw obbjettivi, u jirċievu feedback meta tkun ittieħdet azzjoni. Teżisti riċerka kbira li tikkonferma x'potenzjal pożittiv jeżisti fl-ikkowċjar finanzjarju u fil-konsulenza one-on-one bħala metodu ta' tagħlim tal-litteriżmu u l-edukazzjoni finanzjarja, u biex persuni jiġu megħjuna jieħdu azzjoni li ssaħħilhom l-istat u l-benessri finanzjarji tagħhom.

## (D) ĠENERAZZJONI TA' DIBATTITU DWAR IL-KAPAĊITÀ FINANZJARJA

Malta teħtieġ forum sostnut li jiddibatti temi relatati mal-kapaċità finanzjarja. ĠEMMA ħadet ir-riedni hi stess f'din il-kwistjoni u organizzat webinars ta' kull xahar li jiddiskutu temi partikolari jew riżultati ta' riċerka. Dan għandu jkompli. Wara l-pandemija, din l-inizjattiva se tkun ikkumplementata b'konferenza nazzjonali annwali.

## (E) NIXPRUNAW PERSUNI GĦAL AZZJONI TA' KAPAĊITÀ FINANZJARJA

L-aħjar prattika turi li jaf ikun diffiċli għal xi wħud li jżommu mal-objettivi tagħhom rigward il-kapaċità finanzjarja tagħhom, iżda l-ambjent jew il-kuntest jista' jagħmilhielhom eħfef biex iwettqu l-intenzjonijiet tagħhom. Hemm firxa ta' fatturi jew ostakli konjittivi, soċjali u psikoloġiċi li ma jħallux lil dak li jkun juża l-għarfien li jkun għadu kemm kiseb biex jagħmel għażliet finanzjarji tajbin jew raġunati. Aġġustamenti żgħar għall-proċess, bħal tħajjir jew defaults, jistgħu jagħmluha aktar faċli għan-nies biex jagħmlu għażliet tajba. Bidla fl-għażliet offruti, it-tneħħija ta' battikati żejda u ostakli, kif ukoll iż-żieda fl-appoġġ li jingħata jistgħu jgħinu lin-nies inaqqsu d-distakk bejn l-intenzjonijiet u l-azzjonijiet tagħhom. Tabilħaqq, qed iseħħu innovazzjonijiet kbar f'dan il-qasam – fejn l-inizjattivi tal-kapaċità finanzjarja qed ikunu intrinsikament imfassla b'mod li jħajru deċiżjonijiet dwar il-kapaċità finanzjarja li n-nies normalment, x'aktarx, ma kinux jieħdu.

L-Istrateġija tenfasizza li ĠEMMA għandha tingħaqad mal-partijiet interessati u tfassal u timplimenta triggers li jġibu bidliet fl-imġiba bbażati fuq inizjattivi ta' kapaċità finanzjarja li jkunu indirizzati lejn kwistjonijiet relatati mal-policy. Eżempju ta' dan hija inizjattiva mwettqa fir-Renju Unit mill-Behavioural Insights Team, l-Università ta' Harvard u NEST Pensions, imsejħa "Sidecar Account", li tirkeb dahar fuq is-sistema awtomatika tar-reġistrazzjoni tal-pensjonijiet tar-Renju Unit, imfallsa b'mod li tħeġġeġ lin-nies ifaddlu f'fond għal li jista' jinqala'.



## RAKKOMANDAZZJONI 10

Bejn l-2022 - 2025, taħt it-Triq tal-Outreach u l-Komunikazzjoni se jiġu implimentati l-azzjonijiet li ġejjin:

1. Il-pjattaforma gemma.gov.mt tkompli tevolvi u tikber.
2. Iċ-ċittadini jkomplu jiġu involuti permezz ta' diversi mezzi ta' midja soċjali.
3. Jiġi introdott servizz personalizzat ta' gwida għall-kapaċità finanzjarja.
4. Ikomplu jiżdiedu l-għarfien u l-informazzjoni dwar il-kapaċità finanzjarja.
5. Ġemma taħdem mal-Gvern u l-imsieħba strateġiċi biex tintroduċi azzjoni li twassal għal bidla fl-imġiba li tkun xprunata mill-kapaċità finanzjarja. (!)

(!) **Azzjonijiet Strateġiċi**

### 05.4.4 Sħubijiet Strateġiċi

L-Istrateġija għall-2017-2019 stabbiliet li ĠEMMA kellha taħdem ma' sħab strateġiċi. It-twaqqif ta' sħubijiet strateġiċi fost firxa ta' partijiet interessati rriżultat fi ftehim reċiproku dwar inizjattivi ta' kapaċità finanzjarja u kienu ta' importanza kruċjali għall-esperjenzi pożittivi li nkisbu fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-2017-2019. ĠEMMA daħlet f'numru ta' sħubijiet strateġiċi minn dawn, kif jidher fil-kapitlu ta' qabel.

Din l-Istrateġija enfasizzat li anki l-implimentazzjoni tagħha għandha tkun xprunata permezz ta' inizjattivi strateġiċi bi sħab. Approċċ bħal dan għandu dawn il-vantaġġi:

1. Tilħaq firxa akbar u tħalli impatt aktar: Il-partijiet fi sħab jirrikonoxxu l-punti pożittivi relattivi li kull wieħed jista' jikkontribwixxi, minn għarfien u riżorsi industrijali sal-għeruq tar-relazzjonijiet f'settur komunitarju.
2. Qsim ta' suċċessi: Is-sħubija strateġika tippermetti liż-żewġ sħab jitgħallmu minn u jappoġġjaw lil xulxin. Permezz tal-kollaborazzjoni, l-imsieħba jitgħallmu dwar programmi li huma effettivi u għalhekk jistgħu jirreplikawhom huma xi mkien ieħor.
3. Qsim effiċjenti tar-riżorsi: Jippermetti l-aktar użu effiċjenti possibbli tar-riżorsi disponibbbli, il-programmi jilħqu firxa akbar, u jevita duplikazzjoni fl-inizjattivi li jistgħu jwasslu għal ħela ta' baġits li huma diġà limitati.
4. Is-saħħa li għandu approċċ komuni: Il-ħidma fi sħab jgħinu biex messaġġi komuni jkunu artikolati u dan jippermetti lil ĠEMMA li jkollha impatt aktar effettiv milli kieku taħdem waħedha.

## RAKKOMANDAZZJONI 11

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija 2022-2025 se tkompli tiġi xprunata b'inizjattivi ma' msieħba strateġiċi.

L-Istrateġija tenfasizza l-importanza ta' sforz kollaborattiv nazzjonali lejn l-edukazzjoni dwar il-kapaċità finanzjarja. Filwaqt li hu importanti li ĠEMMA tidħol fi sħubijiet vertikali, dan mhuwiex biżżejjed. Hemm bżonn ta' għarfien akbar dwar l-edukazzjoni dwar il-kapaċità finanzjarja u dwar inizjattivi oħra li jkunu qed jitwettqu minn għadd kbir ta' dipartimenti u entitajiet tal-Gvern, NGOs, istituzzjonijiet u operaturi finanzjarji, eċċ. Għalhekk qed jiġi enfasizzat il-bżonn li jitwaqqaf Kunsill, taħt it-tmexxija u l-kordinazzjoni ta' ĠEMMA, li jiġbor flimkien l-entitajiet kollha li għandhom sehem f'dan is-settur ta' policy. L-għan ta' dan il-Kunsill ikun li jiżgura sinerġija kif ukoll il-qsim tat-tagħlimiet miksuba u tal-aħjar prattiki.

## RAKKOMANDAZZJONI 12

L-Oqsma tal-Viżjoni u tal-Għarfien u l-Ħiliet Ewlenin jintlaħqu permezz ta' kollaborazzjoni nazzjonali. ĠEMMA se tistabbilixxi Kunsill Nazzjonali dwar il-Kapaċità Finanzjarja li jlaqqa' l-partijiet interessati kollha flimkien biex jiżgura sinerġija fost l-entitajiet involuti kollha u biex jippermetti l-qsim ta' miksuba u tal-aħjar prattiki.







### 05.5 IL-KAPAĊITÀ TAL IMPLIMENTAZZJONI

L-Istrateġija għall-2017-2019 assenjat ir-responsabbiltà għall-kapaċità finanzjarja lill-MSFC. L-istrateġija rrakkomandat li l-implimentazzjoni tiġi assenjata lill-GIKF – stabbilit taħt il-GIP. L-RFCG twaqqaf f'Jannar 2017. F'Jannar 2019, l-istrateġija ta' implimentazzjoni ġiet ibbrendjata mill-ġdid minn "Kapaċità Finanzjarja u tal-Irtirar" għal ĠEMMA u tqiegħdet taħt it-tmexxija diretta tas-Segretarju Permanenti responsabbli għall-MFSC. Dan il-mudell ta' operazzjoni se jinżamm matul it-terminu ta' din l-istrateġija.

Ir-Reviżjoni Strateġika tal-2020, imressqa fil-Kamra tad-Deputati f'Diċembru 2020, meta kienet qed tiġi diskussa l-importanza tal-kapaċità finanzjarja, enfasizzat li "il-pjattaforma tal-irtirar u tal-kapaċità finanzjarja trid tiġi istituzzjonalizzata u pprovduta b'baġit aktar sostantiva".[31]

Dan il-mudell ta' operazzjoni se jinżamm matul it-terminu ta' din l-Istrateġija. Dan għandu jkun ikkomplementat minn korp ta' koordinament li jlaqqa' flimkien ministeri msieħba ewlenin – prinċipalment il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, u l-Ministeru għaċ-Ċittadini Anzjani u Anzjanità Attiva.

## RAKKOMANDAZZJONI 13

ĠEMMA se tkompli tissaħħaħ bħala organizzazzjoni li hi magħmula minn core team żgħir b'appoġġ u b'funzjonijiet proġettwali sottokuntrattati li joperaw mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal. Dan għandu jkun ikkumplementat b'entità ta' kordinazzjoni li tlaqqa' flimkien ministeri msieħba ewlenin – prinċipalment, il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, u l-Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva.

31 Pġ. 51, Reviżjoni Strateġika dwar l-Adegwatezza, is-Sostenibbiltà u s-Solidarjetà tas-Sistema tal-Pensjonijiet kif mandat mill-Artikolu 64B tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Dokument ta' Reviżjoni Strateġika tal-Pensjonijiet tal-2020 għall-Konsultazzjoni Pubblika, Grupp dwar l-Istrateġija tal-Pensjonijiet, 15 ta' Diċembru 2020.

ĠEMMA
know, plan, act.

www.gemma.gov.mt

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ
U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA
U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal
Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta VLT 1110

Settembru 2021